ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI ·

2019

# RIĊERKATURI

ĦARĠA 1

GĦAŻLA TA' TEŻINI
TAL-BA (UNURI) FIL-MALTI

L-Università
ta' Malta

# Riċerkaturi

Id-Dipartiment tal-Malti
L-Università ta' Malta

Ħarġa 1
2019

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti
© 2019 Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta

Koordinazzjoni:
Dr Michael Spagnol

Qari tal-Provi:
Dwayne Ellul

Disinn:
Panda
www.panda.com.mt

ISBN: 978-99957-1-495-6

# Ir-Riċerka Turi...

Ta' kull sena, fid-Dipartiment tal-Malti jsiru għadd ġmielu ta' teżini dwar oqsma varji tal-Lingwistika u l-Letteratura Maltija. U ta' kull sena jkun hemm xi teżini li jispikkaw għax il-kontribut li jagħtu jkun siewi ferm għall-istudju tal-ilsien Malti. B'hekk, minn din is-sena, id-Dipartiment se jibda jagħżel uħud mill-aqwa teżini li jkunu ġew ippreżentati u jippubblika serje ta' artikli msejsa fuqhom fil-ktejjeb li għandek f'idejk.

L-għanijiet ta' din is-sensiela annwali huma tlieta. Qabelxejn, li r-riċerka fejjieda li tkun saret f'dawn it-teżini ma tibqax fuq xkaffa marsusa bejn żewġ qoxriet, imma tinfetaħ għal udjenza usa'. It-tieni, li tħeġġeġ aktar studenti jħabirku biex xogħolhom ikun ta' stoffa ħalli jintgħażel għal din il-pubblikazzjoni. U t-tielet, li jkompli jikber il-korp ta' studji bil-Malti li b'riħithom kulma jmur inwessgħu l-vokabolarju tekniku u norqmu l-lingwaġġ akkademiku bil-Malti.

Jien u sħabi tad-Dipartiment tassew ħerqanin biex nurukom x'turi r-riċerka ta' dawn ir-riċerkaturi friski u ta' dawk li għad jiġu warajhom.

*Dr Michael Spagnol*
*16 ta' Marzu 2019*

# Id-Diminuttiv u l-Akkrexxittiv fil-Malti

Studenta:
Fransianne Cutajar

Tutur:
Dr Michael Spagnol

## 1. Daħla

F'dan l-artiklu nistħarreġ forom introflessivi u konkatenattivi tad-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti. Permezz ta' analiżi ta' aktar minn elf forma li ġbart mid-dizzjunarju ta' Aquilina u mill-għarfien tiegħi tal-lingwa, niddeskrivi l-formazzjoni tad-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti, u nittratta elementi bħall-inflessjoni, is-semantika, il-produttività u l-kategoriji grammatikali li jaqgħu taħthom.

## 2. Xi nkiteb dwarhom

Nibda billi nagħti xi definizzjonijiet tad-diminuttiv u l-akkrexxittiv, b'eżempji minn lingwi differenti, l-aktar dawk li l-Malti hu marbut magħhom ġenealoġikament, jiġifieri xi varjetajiet tal-Għarbi, u dawk li l-Malti ġie f'kuntatt magħhom, jiġifieri t-Taljan u l-Ingliż.

### 2.1. Id-Diminuttiv

Frawley (438) jiddeskrivi d-diminuttiv bħala kategorija derivattiva kkaratterizzata mit-tifsira taċ-ċokon u numru ta' konnotazzjonijiet, fosthom il-ħlewwa u s-simpatija, bħal fil-kelma Ingliża *doggie* 'kelb ċkejken', u n-nuqqas ta' valur, bħal fil-kelma Taljana *attricetta* 'attriċi fil-bidu tal-karriera'.

F'ħafna lingwi, id-diminuttiv jifforma permezz ta' zokk u suffiss, eż. fl-Ingliż: *book* 'ktieb' - *booklet* 'ktejjeb', jew prefiss, eż. *skirt* 'dublett' - *miniskirt* 'dublett qasir'. Tipikament, id-diminuttivi jiffurmaw ma' bażijiet nominali, iżda f'xi lingwi jiffurmaw ma' bażijiet aġġettivali, avverbjali u verbali wkoll. Għall-argument, is-suffiss Taljan -*ino* jingħaqad ma' nomi, bħal *tavola* 'mejda' - *tavolino* 'mejda żgħira', ma' aġġettivi, bħal *giallo* 'isfar' - *giallino* 'sfajjar, safrani', u ma' avverbji, bħal *bene* 'tajjeb' - *benino* 'pjuttost tajjeb'. Suffissi oħrajn, bħal -*(e/ar)ell*-, isawru verbi diminuttivi, eż. *giocare* 'lagħab' - *giocherellare* 'lagħab kultant, bla impenn' (Schneider 4-6).

F'lingwi Semitiċi bħall-Għarbi Klassiku, id-diminuttiv ma jiffurmax biss ma' bażijiet nominali u aġġettivali, imma anki ma' pronomi demostrattivi, pronomi relattivi, il-forom derivattivi tagħhom u xi prepożizzjonijiet li normalment ikollhom bażi akkużattiva. Fl-Għarbi Marokkin, id-diminuttiv jaħdem ma' nomi u aġġettivi, u jingħaraf minn għanqud konsonantali b'vokali warajh fil-bidu tal-kelma. Ngħidu aħna, id-diminuttiv ta' trilitteri monosillabi jissawwar biż-żieda ta' -*ijje*- bejn it-tieni u t-tielet konsonanti, kif naraw f'*kəlb* 'kelb' - *klijjəb* 'kelb żgħir' (Ennaji et al. 40-41).

### 2.2. L-Akkrexxittiv

Skont Hartmann u Stork (24), l-akkrexxittiv jinbena permezz ta' markaturi li jfissru 'kbir' jew 'ġgantesk', bħas-suffiss Taljan -*one* f'*casa* 'dar' - *casone* 'dar kbira'. Minbarra li jesprimi l-kobor, normalment ikollu konnotazzjonijiet peġġorattivi, bħan-nom Taljan *donnona* 'mara goffa u mhux attraenti' (Frawley 438).

L-akkrexxittiv ġeneralment jinbena fuq bażijiet nominali u aġġettivali, permezz ta' suffiss, kif naraw fit-Taljan, *pigro* 'għażżien' - *pigrone*

'għażżien ħafna', jew prefiss, bħal *macro-* fl-Ingliż, eż. *macro-economy* 'makroekonomija'. Ġieli jinbena wkoll fuq bażijiet verbali, eż. *mangiare* 'kiel' - *mangione* 'wikkiel', u avverbjali, eż. *bene* 'tajjeb' - *benone* 'tajjeb ħafna'.

Fl-Għarbi Klassiku nsibu l-akkrexxittiv ukoll. Skont Arbaoui (467), il-forom parteċipjali biss għandhom akkrexxittiv. Sabiex tiġi indikata tifsira akkrexxittiva, tintuża forma minn dawn l-erbgħa: *faʕil, faʕiil, faʕuul* u *faʕʕaal*. Fl-Għarbi Klassiku nsibu xi eżempji bħal *kaatim* 'sigriet' - *katuum* 'sigriet ħafna', *faatin* 'attent' - *fatin* 'attent ħafna'.

## 2.3. Fil-Malti

Ħafna xogħlijiet grammatikali tal-Malti jsemmu d-diminuttiv ta' nisel Semitiku biss. Jgħidu li l-maskil jissawwar permezz tal-infissi *-ejje-*, *-ejja-*, *-ajje-* jew *-ajja-* bejn it-tieni u t-tielet konsonanti tal-għerq, eż. *ktejjeb* u *sbejjaħ*, u li l-femminil huwa ffurmat bis-suffiss *-a* u ż-żieda ta' *-ej-* jew *-aj-* bejn it-tieni u t-tielet radikali, eż. *ġbejna* u *qsajra*. Cremona u Aquilina huma fost tal-ewwel li jsemmu s-suffiss vokaliku *-a* fi kliem bħal *buta* u *forna*. Żewġ xogħlijiet li jingħażlu mill-bqija huma Cachia (1994) u Borg u Alexander (1997) li, mhux biss jagħtu suffissi diminuttivi ta' nisel Rumanz fil-Malti bħal *-in/a*, *-ott* u *-ett/a*, imma jsemmu wkoll suffissi akkrexxittivi bħal *-un* u *-ott*. Diskussjoni aktar dettaljata tad-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti nsibuha fi Spagnol (2017) li jittratta kwistjonijiet bħall-formazzjoni, l-inflessjoni u s-semantika tagħhom. L-istudju tiegħi jkompli jibni fuq dan ix-xogħol billi jippreżenta analiżi tal-karatteristiċi morfoloġiċi u semantiċi ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi li hija msejsa fuq ġabra ta' elf u sittin forma diminuttiva u akkrexxittiva fil-Malti.

# 3. Il-Formazzjoni tad-Diminuttiv fil-Malti

## 3.1. Diminuttivi Trilitteri

Fit-tabella ta' hawn taħt niġbor il-forom trilitteri tad-diminuttiv bil-varjanti tagħhom. Nagħti wkoll il-vokali għal kull forma flimkien ma' eżempju. Fl-aħħar kolonna nagħti n-numru ta' drabi li l-forom jidhru fid-dizzjunarju ta' Aquilina. Tajjeb ngħidu li ħafna mill-forom f'Aquilina, bħal *dmejgħa* (demgħa) u *għejnilla* (għonnella), mhumiex kurrenti fil-lingwa.

**Tabella 1: Id-diminuttivi trilitteri**

| Forma | Vokali | Eżempji | Frekwenza AQ |
|---|---|---|---|
| 1a. 12vjjv3 | a-e<br>e-e<br>a-a<br>e-a | tifel - tfajjel<br>ktieb - ktejjeb<br>fqir - fqajjar<br>sabiħ - sbejjaħ | 161 darba |
| 1b. għv2vjjv3 | e-e-e<br>e-e-a<br>a-a-a | għarix - għerejjex<br>għerq - għerejjaq<br>għar - għawajjar | 6 darbiet |
| 1ċ. v2vjjv3 | u-e-a<br>u-e-e | wiċċ - uċejjaħ<br>wirk - urejjek | 5 darbiet |
| 1d. 1vj2u | e-u | tetu - tejtu | 5 darbiet |
| 1e. 12vjju | e-u | ħelu - ħlejju | 3 darbiet |
| 1f. 12vjv3 | a-a<br>a-e | ħatar - ħtajar<br>armel - rmajel | darbtejn |
| 1ġ. 2vjjv3 | e-a<br>e-e | sabiħ - bejjaħ<br>wied - wejjed | darbtejn |
| 1g. 12vj3u | a-u<br>e-u | ċawlu - ċwajlu<br>mejxu - mxejxu | darbtejn |
| 2a. 12vj3a | a-a<br>e-a | kamra - kmajra<br>sabiħa - sbejħa | 314-il darba |
| 2b. għv2vj3a | a-a-a<br>e-e-a | għadira - għadajra<br>għatba - għetejba | 13-il darba |
| 2ċ. v2vj3a | e-e-a<br>u-e-a<br>u-a-a | erħa - erejħa<br>utieqa - utejqa<br>warda - urajda | 9 darbiet |
| 2d. 1vj2a | e-a<br>a-a | id- wejda<br>vava - vajva | 3 darbiet |
| 2e. 12vjja | e-a | bnina - bnejja | darbtejn |
| 3. 1v23v̄ni | a-ā-i<br>e-ie-i | ismar - samrani<br>iswed - sewdieni | 10 darbiet |
| 4. 12vj3īja | a-ī-a<br>e-ī-a | tarbija - trajbija<br>fisqija - fsejqija | 5 darbiet |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. 12vj3i | a-i<br>e-i | ċagħaki - ċgħajki<br>kenni - knejni | 4 darbiet |
| 6. 1vj2v3 | e-e<br>a-e | iblah - bejleh<br>oħxon - ħajxen | 4 darbiet |
| 7. 1v22v̄3i | a-a-i | twil - tawwali | 3 darbiet |
| 8. 1vj23a | e-a | fiġel - fejġla | darbtejn |
| 9. 12vj3 | -a- | vers - vrajs | darbtejn |
| 10. 1vj2a | -e- | mexa - mejxa | darbtejn |
| 11. għvj2v33v | e-i-a | għonnella - għejnilla | darba |
| 12. 12v̄3a | ī-a | ħoss - ħsisa | darba |

Il-forma diminuttiva li tissemma l-aktar fl-istudji grammatikali hija *12vjjv3* ta' *tfajjel* (tifel) u *qsajjar* (qasir), fost l-oħrajn. Il-maġġoranza tal-kliem li jinħadem b'din il-forma huwa Semitiku, iżda nsibu xi ftit eżempji ta' nisel Rumanz, bħal ċrejjev (ċerv) u *srejjep* (serp). Il-varjanti ta' din il-forma jinkludu għv2vjjv3 li għandha vokali żejda bejn l-ewwel u t-tieni konsonanti minħabba l-*għ*, eż. *għerejjex* (għarix), għawajjar (għar), u l-forma nieqsa *12vjju* ta' kliem bħal *bdejju* (bidu), *ħlejju* (ħelu) u ġrejju (ġeru).

Il-forma femminili *12vj3a*, ta' kliem bħal *ħbejża* (ħobża) u *fqajra* (fqira), għandha xi varjanti, bħal *v2vj3a* ta' *erejħa* (erħa) u *1v2vj3a* ta' *għalajqa* (għalqa), li tinvolvi ż-żieda ta' vokali bejn l-ewwel u t-tieni radikali fi kliem li jibda bl-*għ*.

Il-forom trilitteri diminuttivi jsawru nomi u aġġettivi. Fost in-nomi nsibu nomi komuni bħal *trejqa* (triq), u nomi proprji, l-aktar ismijiet u kunjomijiet, bħal *Pejpu* (Peppi) u *Grejma* (Grima), u toponimi, bħall-Ġnejna u d-*Dwejra*. Minbarra dawn, insibu xi espressjonijiet avverbjali, bħal ħajdu ħajdu (waħdu waħdu), u l-forma *1vj2a* li tnissel żewġ verbi, *mejxa* (mexa) u *bejka* (beka).

## 3.2. Diminuttivi Kwadrilitteri

F'din it-tabella jidhru l-forom kwadrilitteri li jiffurmaw id-diminuttiv u l-varjanti tagħhom. Mill-ġdid, għal kull forma nagħti l-vokali, eżempju u l-frekwenza tagħha fid-dizzjunarju ta' Aquilina.

**Tabella 2: Id-diminuttivi kwadrilitteri**

| Forma | Vokali | Eżempju | Frekwenza AQ |
|---|---|---|---|
| 1a. 12vj3v4 | a-a<br>a-e<br>e-e | fardal - frajdal<br>barmil - brajmel<br>ħanżir - ħnejżer | 103 darbiet |
| 1b. għv2vj3v4 | a-a-a<br>e-e-e | għasfur - għasajfar<br>għanqud - għenejqed | 5 darbiet |
| 1ċ. 1v23vj4 | e-e | gerbieb - gerbejb | darba |
| 2a. 12vj34a | a-a<br>e-a | saltna - slajtna<br>bilbla - blejbla | 40 darba |
| 2b. 12vj3ū4a | a-ū-a | żarbuna - żrajbuna | darbtejn |
| 2ċ. għv2vj34a | a-a-a | għasfura - għasajfra | darba |
| 2d. 1v23vj4a | e-e-a | gerbieba - gerbejba | darba |
| 3a. m1vj2v3 | e-a<br>a-a<br>e-e | muftieħ - mfejtaħ<br>munxar - mnajxar<br>mnieħer - mnejħer | 18-il darba |
| 3b. m1vjjv3 | a-e | maqjel - mqajjel | darba |
| 4a. m1vj23a | a-a<br>e-a | magħġen - mgħajġna<br>mitħna - mtejħna | 7 darbiet |
| 4b. m1vj2a | e-a<br>a-a | miġnuna - mġejna<br>mnara - mnajra | 5 darbiet |
| 4ċ. mvj23a | e-a | mikla - mejkla | darba |

Il-forma *12vj3v4* hija dik li Sutcliffe (31-33) jirreferi għaliha bħala l-forma tad-diminuttiv kwadrilitteru. Tinkludi kliem bħal *bċejċen* (beċċun), *ġwejnaħ* (ġewnaħ) u *qtajtes* (qattus). Hemm xi kliem trilitteru li, minkejja li l-għerq tiegħu huwa bi tliet konsonanti, jidħol f'din il-forma kwadrilittera biż-żieda ta' konsonanti wara l-ewwel radikali, eż. *dwejfer* (difer) mill-għerq DFR. Fost il-varjanti ta' din il-forma kwadrilittera nistgħu nsemmu l-forma *għv2vj3v4* li tiżdidilha vokali bejn l-ewwel u t-tieni konsonanti, bħal f'*għenejqed* (għanqud) u *għasajfar* (għasfur).

Hemm ukoll il-forma femminili *12vj34a* ta' kliem bħal *kwejkba* (kewkba) u *skejkna* (sikkina), li għandha xi varjanti bħal *għv2vj34a*, eż. *għasajfra* (għasfura). Apparti

l-aġġettivi *msejken* u *msejkna* (miskin/a), il-kwadrilitteri huma kollha nomi. Xi wħud huma nomi mimmati bħal *mnejġel* (minġel) u *mrejkba* (mikreb), u oħrajn nomi proprji, ta' nies, bħal *Stejfen* (Stiefnu) u *Grejbel* (Grabiel), jew ta' postijiet, bħas-*Sgħajtar* (sagħtar) u l-*Qrajten* (qortin).

## 3.3. Diminuttivi Konkatenattivi

Grammatki bħal ta' Cremona u Aquilina jsemmu s-suffiss diminuttiv *-a* u jagħtu eżempji bħal *zappuna* (zappun), *satla* (satal) u *taġna* (taġen). Cachia (1994), Borg u Azzopardi-Alexander (1997) u Spagnol (2017) isemmu suffissi oħrajn bħal *-in*, *-ett* u *-ell*. F'din it-tabella nagħti lista tas-suffissi diminuttivi, b'eżempju għal kull wieħed, u bil-frekwenza fid-dizzjunarju ta' Aquilina.

**Tabella 3: Id-diminuttivi konkatenattivi**

| Suffiss | Eżempju | Frekwenza AQ |
|---|---|---|
| -in<br>-ina<br>-inu | festa - festin<br>ġakketta - ġakkettina<br>Toni - Toninu | 49 darba<br>48 darba<br>3 darbiet |
| -ett<br>-etta | kwadru - kwadrett<br>bank - banketta | 45 darba<br>53 darba |
| -ell<br>-ella<br>-ellu | biskott - biskuttell<br>karozza - karozzella<br>Marzu - Marzellu | 15-il darba<br>48 darba<br>4 darbiet |
| -a | but - buta | 20 darba |
| -ott | ġuvni - ġuvnott | 13-il darba |
| -ozz<br>-ozza<br>-ozzu<br>-izz<br>-uzzu | Sq. marcu - markozz<br>Tal. figlia - filjozza<br>Tal. pane - pannozzu<br>Tal. pane - pannizz<br>Tal. pane - pannuzzu | darbtejn<br>darba<br>darba<br>darba<br>darba |
| -u_a | sinna - sinnuna<br>żaqq - żaqquqa | 4 darbiet |
| -u | qajż - qajżu | darba |
| -uċċu | re - reuċċu | / |

Wieħed mill-iżjed suffissi produttivi huwa *-in* u l-femminil *-ina*. Xi ftit eżempji huma *vjolin* (vjola), *berettin* (beritta), ġakkettina (ġakketta) u *pastina* (pasta). F'xi kliem, speċjalment f'nomi proprji, mas-suffiss *-in* tiżdied il-vokali *-u*, eż. *Toninu* (Toni) u Ġużeppinu (Ġużeppi). Is-suffiss *-ett*, bil-femminil *-etta*, insibuh fi kliem bħal *fuljett* (folja), *sigarett* (sigarru), *ganġetta* (ganċ) u *paletta* (pala). B'dawn iż-żewġ suffissi kultant noħolqu xi neoloġiżmi, bħal *fatatina* (fatat, jiġ. *fairy*), *borrinu* (borra, jiġ. *snowman*), *rumanzett* (rumanz) u ħarsetta (ħarsa, jiġ. *blurb*). Is-suffiss *-ell*, *-ella* fil-femminil, narawh fi kliem bħal *barunċell* (baruni), *biskuttell* (biskott), *karozzella* (karozza) u *voparella* (vopa).

Jidher li hemm xi restrizzjonijiet formali fiz-zkuk li jingħaqdu magħhom. Is-suffiss *-in* ma jintużax ma' kliem li jispiċċa bis-sekwenza *in*. Ngħidu aħna, kelma bħal *kuxin* ma tiħux is-suffiss *-in*, **kuxinin*, iżda s-suffiss *-ett*, *kuxinett*. Hekk ukoll, is-suffissi *-ett* u *-ell* ma jinhemżux ma' zkuk li jispiċċaw bl-istess sekwenza. B'hekk, id-diminuttiv ta' *gazzetta* hu *gazzettin*, mhux **gazzettetta*, u ta' *umbrella* hu *umbrellin*, mhux **umbrellell*.

Hemm suffissi diminuttivi oħra iżda dawn jokkorru biss fi ftit eżempji. Wieħed minnhom hu *-ott* li nsibuh fi kliem bħal *ġuvnott* (ġuvni) u *tigrott* (tigra). Huwa partikolari għax kultant jimmarka l-akkrexxittiv, kif naraw fit-taqsima li jmiss.

Id-diminuttiv ma jinħoloqx biss bil-forom jew bis-suffissi, iżda hemm ukoll żewġ prefissi diminuttivi, miġburin fit-tabella t'hawn taħt b'eżempju u bil-frekwenza fid-dizzjunarju ta' Aquilina.

**Tabella 4: Il-prefissi diminuttivi**

| Prefiss | Eżempju | Frekwenza AQ |
|---|---|---|
| mikro- | proċessur - mikroproċessur | 11-il darba |
| mini- | golf - minigolf | darbtejn |

Dawn il-prefissi huma ta' nisel Rumanz u/jew Ingliż. Minkejja li nsibu ftit eżempji f'Aquilina, il-prefiss *mini-* jidher li huwa relattivament produttiv, tant li, ngħidu aħna, fis-suq hemm prodott ġdid jismu *minigalletti* (galletti). Il-prefiss *mikro-* jintuża fi kliem aktarx tekniku, bħal *mikroproċessur*, *mikroorganiżmu*, *mikrokożmu* u *mikroskopju*.

## 4. Il-Formazzjoni tal-Akkrexxittiv fil-Malti

Għall-kuntrarju tad-diminuttiv, l-akkrexxittiv jinħadem biss bil-konkatenazzjoni. Forom Semitiċi huma rari ferm, aktarx minħabba li l-Għarbi huwa limitat fl-akkrexxittiv. F'din it-tabella niġbor is-suffissi akkrexxittivi li jintużaw fil-Malti.

**Tabella 5: Is-suffissi akkrexxittivi**

| Suffiss | Eżempju | Frekwenza AQ |
|---|---|---|
| -un<br>-una | ġiebja - ġibjun<br>sinjur - sinjuruna | 90 darba<br>12-il darba |
| -azz<br>-azza<br>-aċċ/-aġġ | ħmar - ħmarazz<br>bufla - buflazza<br>tonna - tunnaġġ | 5 darbiet<br>darba<br>darba |
| -iss(i)mu<br>-iss(i)ma | bravu - bravissimu<br>żgur - żgurissima | 7 darbiet |
| -u<br>-lu | żrinġ - żrunġu<br>kiesaħ - kesaħlu | darba<br>darbtejn |
| -ott | pastizz - pastizzott | darbtejn |
| -a | but - buta | darbtejn |
| -in | serp(ent) - serpentin | darba |
| -uwa | patata - patatuwa | darba |

Is-suffiss *-un* jintuża b'mod regolari fi kliem bħal *bankun* (bank), u ma' xi zkuk ta' nisel Għarbi bħal *ħmarun* (ħmar). Fil-femminil jiżdied is-suffiss *-a*, eż. *pastażuna* (pastaża) u *sinjuruna* (sinjura). Xi wħud jinbnew fuq bażi verbali, bħal *imbruljun/a* (imbrolja) u *ċaċċarun/a* (ċaċċar).

Is-suffissi akkrexxittivi kemm-il darba jkollhom ukoll funzjoni peġġorattiva, bħal *-azz* jew *-aċċ*, eż. *sakranazz* (sakran) u *tempaċċ* (temp), u bħas-suffiss *-u*, li fi kliem bħal *mnieħru* (mnieħer), ma jfissirx imnieħer kbir imma jirreferi għal karatteristika fiżika.

Iżda hemm is-suffiss elattiv *-iss(i)mu*, magħruf ukoll bħala superlattiv assolut, li ġeneralment jintensifika l-kwalità espressa mill-bażi aġġettivali. Fil-Malti hu relattivament produttiv. Apparti l-ftit eżempji

li jagħti Aquilina, bħal *verissmu, santissmu* u *beatissimu,* fil-korpus MLRS insibu għadd ta' eżempji oħra bħal *elegantissmu, importantissima, kapaċissmi, antikissima,* u saħansitra xi bażijiet ta' nisel Għarbi bħal *sabiħissima* u *nadifissmu.*

L-akkrexxittiv jissawwar ukoll bi prefissi bħal *arċi-,* eż. *arċidjoċesi* (djoċesi), u *ultra-,* eż. *ultraveloċi* (veloċi). Il-prefissi akkrexxittivi huma miġburin f'din it-tabella.

**Tabella 6: Il-prefissi akkrexxittivi**

| Prefiss | Eżempju | Frekwenza AQ |
|---|---|---|
| arċi- / arki- | isqof - arċisqof | 18-il darba |
| mega- | ċiklu - megaċiklu | 14-il darba |
| ultra- | reżistenti - ultrareżistenti | 14-il darba |
| sopr- / supr- / supra-<br>super- | naturali - sopranaturali<br>potenza - superpotenza | 8 darbiet<br>4 darbiet |
| iper- | kritiku - iperkritiku | 11-il darba |
| bu- | ras - buras | 6 darbiet |
| makro- | metru - makrometru | 5 darbiet |

Mekkaniżmu li ma jissemmiex fi studji grammatikali huwa l-forma mtennija tal-akkrexxittiv, pereżempju *xebgħa xebgħun* (xebgħa kbira), *waqgħa waqgħun* (waqgħa kbira). Kliem bħal *xebgħun* u *waqgħun* ma jintużawx waħidhom, imma meta jokkorru wara l-forma newtrali, jesprimu l-akkrexxittiv.

Interessanti li xi suffissi diminuttivi jintużaw ukoll għall-akkrexxittiv. Is-suffissi *-ott, -a,* u *-u* jinstabu f'dawn iż-żewġ kategoriji. Dan kultant joħloq ambigwità, għax ma nkunux nafu l-lessema hix diminuttiva jew akkrexxittiva, speċjalment meta t-tifsira tkun tvarja wkoll, bħal *pastizzott* li għal xi wħud tfisser pastizz kbir u għal oħrajn pastizz żgħir, bħal li jitqassam fir-riċevimenti.

# 5. L-Analiżi

## 5.1. Il-Forma newtrali

Xi diminuttivi u akkrexxittivi m'għandhomx forma newtrali fil-Malti. Għall-argument, fit-Taljan

insibu l-kelma *pane* ħobż, u fil-Malti għandna d-diminuttiv *panina*, ħobża żgħira, imma n-nom *pane* fil-Malti ma nsibuhx. Niltaqgħu wkoll ma' eżempji ta' affissi diminuttivi u akkrexxittivi li jingħaqdu ma' morfemi marbutin bħal f'*mikrofonu* (-fonu) u *megaskopju* (-skopju).

## 5.2. Forom doppji

Xi diminuttivi u akkrexxittivi huma magħmulin minn iżjed minn forma jew affiss wieħed, bħal *kaxxa* - *kxajxetta* u *vers* - *vrajsett*, li għandhom kemm il-forma introflessiva 12vj3, kif ukoll is-suffiss -*ett/a*. Hemm eżempji oħra li huma ftit differenti, bħal *buxwejka* u *ultramikroskopju*, li huma magħmulin minn elementi diminuttivi (*xwejka* u *mikro*-) u akkrexxittivi (*bu*- u *ultra*-).

## 5.3. L-Interfissi

Fil-formazzjoni tad-diminuttivi ġieli jiżdied l-interfiss -*ċ*-, -*r*- jew -*l*- bejn iz-zokk u s-suffiss, bħal f'*karton-ċ-ina* (kartun), *vopa-r-ella* (vopa) u *tanbur-l-in* (tanbur). L-interfissi jidhru li jiżdiedu meta l-bażi tkun tispiċċa b'vokali jew b'konsonanti likwida jew nażali.

## 5.4. Il-Kategoriji grammatikali

Id-diminuttivi u l-akkrexxittivi jinbnew l-iżjed fuq bażijiet nominali, eż. *bank* - *banketta* u *bank* - *bankun*. Insibu wkoll eżempji aġġettivali, għalkemm mhux daqs in-nomi, eż. *qsajjar* (qasir) u *sinjurun* (sinjur). Għandna żewġ każi ta' diminuttivi verbali, *bejka* (beka) u *mejxa* (mexa), u xi ftit eżempji ta' akkrexxittivi avverbjali bħal *ftitissimu* (ftit).

## 5.5. L-Għadd u l-ġens

Id-diminuttiv u l-akkrexxittiv ġeneralment jinflettu għall-ġens u l-għadd. Xi eżempji jżommu l-ġens tal-forma newtrali, eż. *ċikkulata* (f.) - *ċikkulatina* (f.), iżda ħafna oħrajn jibdlu l-ġens tal-forma newtrali. Fid-diminuttiv, il-maġġoranza tal-lessemi jibdlu l-ġens. Il-forma newtrali tkun maskili u fid-diminuttiv issir femminili, eż. *ġardin* (m.) - *ġardina* (f.). Hemm ukoll xi ftit eżempji femminili li jsiru maskili fid-diminuttiv, bħal *beritta* (f.) - *berittin* (m.).

In-nomi akkrexxittivi fil-maġġoranza tagħhom huma maskili, u m'għandhomx sura femminili, eż. *waqgħa* (f.) fl-akkrexxittiv issir *waqgħa waqgħun*. Ma tiħux is-suffiss -*a*, **waqgħuna*. Mill-banda l-oħra, l-aġġettivi jieħdu s-suffiss -*una* fil-femminil, bħal *sinjuruna* (sinjura), *ċuċuna* (ċuċ/a) u *sakranazza* (sakrana).

Waqt li nomi diminuttivi introflessivi fil-femminil jiffurmaw il-plural bis-suffiss -*iet*, *bċejċiet* (bċejċa < biċċa), jew -*at*, *tbejgħat* (tbejgħa < tebgħa), in-

nomi introflessivi maskili (eż. *ktejjeb* u *tfajjel*) m'għandhomx forma plurali, kif jispjega Mifsud fis-sit tal-Kunsill tal-Malti. Id-diminuttivi introflessivi aġġettivali, mill-banda l-oħra, jieħdu s-suffiss tal-plural *-in*, eż. *fqajrin* (fqajjar), *qsajrin* (qsajjar), inkella jinqdew bil-forma tal-femminil (eż. *fqajra* u *qsajra*) għall-plural.

Id-diminuttivi konkatenattivi ġeneralment jieħdu l-plural *-i*, eż. *banketta - banketti*. Xi diminuttivi nsibuhom ukoll fl-imtenni, eż. *bwejbtejn* (bwejba < bieba).

L-akkrexxittiv jieħu l-plural permezz tas-suffiss *-i*, eż. *berittun - berittuni*. Forom imtennija, bħal *waqgħa waqgħun*, ma jidhrux li jieħdu l-plural, eż. *żewġ waqgħat waqgħuni. F'xi ftit każi, id-diminuttiv u l-akkrexxittiv jieħdu plural miksur, bħal *qliebi* (qlejba < qalba) u *kxaxen* (kexxun < kaxxa).

### 5.6. Osservazzjonijiet semantiċi

Id-diminuttiv tipikament jesprimi kemm daqs żgħir kif ukoll ħlewwa, għożża u attitudni pożittiva. Pereżempju, *xwejħa* (xiħa) ma tfissirx biss mara xiħa, imma turi wkoll ħlewwa u simpatija. Bil-kontra ta' dan, fl-akkrexxittiv, insibu eżempji bħal *ħmarunazz* (ħmar) li għandhom konnotazzjonijiet peġġorattivi. F'dan il-każ, l-eżempju jfisser xi ħadd injorant.

Id-diminuttiv ġieli jirreferi mhux għal xi entità iżgħar mill-forma newtrali, imma jkollu tifsira speċifika distinta. Ngħidu aħna, *palkett* mhux palk żgħir imma kmajra partikolari fit-teatru. Eżempju interessanti hu *tfajla*, id-diminuttiv ta' *tifla*. Storikament din il-forma kienet tfisser tifla żgħira, imma t-tifsira nbidlet u bi *tfajla* sirna nifhmu tifla mfarfra jew in-namrata. Minkejja li l-forma hi diminuttiva, it-tifsira mhix ta' tifla iżgħar, imma ikbar.

Insibu każi ta' omonomija, fejn diminuttiv wieħed jikkorrispondi għal iżjed minn forma newtrali waħda, bħal *ħmajjar* li hija d-diminuttiv kemm ta' *ħmar* u kemm ta' *aħmar*.

## 6. L-Għeluq

Aquilina u Borg qalu li d-diminuttivi għad jispiċċaw għax m'għadhomx produttivi. Dan aktarx kitbuh għax kienu qed iħarsu lejn is-sistema introflessiva biss. Mifsud (1995: 155-156), juri kif il-forom diminuttivi introflessivi huma lista magħluqa u m'għadhomx produttivi. Forom ġodda jinbnew bil-konkatenazzjoni. L-affissi mhumiex kollha produttivi ndaqs; uħud minnhom tant huma produttivi li mhux lakemm tnizzilhom kollha f'ġabra, bħad-diminuttivi bil-prefiss *mini-*. Hekk ukoll, il-forma mtennija tal-akkrexxittiv, taħdem ma' għadd kbir

ta' nomi verbali tal-unità bħal *mixja mixjun, safra safrun* u *ħasla ħaslun*.

Din hi l-ewwel darba li sar studju fil-fond dwar id-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti, għax il-biċċa l-kbira tal-istudji dwar dan il-qasam tal-grammatika Maltija jiffukaw fuq id-diminuttiv biss, u b'mod partikolari fuq dak li jinbena bis-sistema mhux konkatenattiva. Naturalment jonqos xi jsir, u iżjed riċerka f'dan il-qasam hi importanti. Jistgħu jsiru xogħlijiet li jistudjaw b'iżjed reqqa forom partikolari, inklużi suffissi ta' nisel Ingliż bħal *-ie* jew *-y*, eż. *horsey/horsy* (*horse*, żiemel) u *shoesie* (*shoes*, żarbun), kif ukoll xogħlijiet li jkejlu l-produttività ta' affissi speċifiċi permezz ta' għodod elettroniċi bħall-korpus. L-akkrexxittiv ukoll jista' jiġi studjat f'aktar dettall, speċjalment f'forom peġġorattivi. Fl-istudju tiegħi semmejt xi wħud, imma hemm oħrajn bħas-suffiss *-ajr* ta' *sindikajr, ħabsajr, każajr* u *kuriżitajr*.

## Biblijografija


Aquilina, Joseph. *Maltese - English Dictionary, 2 vol.* Midsea Books Ltd., 1987-1990.

- - -. *Teach Yourself Maltese*. Hodder & Stoughton, 1965.

- - -. *Comparative grammar: Arabic and Maltese.* S.n., 1976.

Borg, Albert. *Ilsienna: Studju Grammatikali.* Pen Print Ltd., 1988.

Borg, Albert u Marie Azzopardi-Alexander. *Maltese*. Routledge, 1997.

Cachia, Lawrenz. *Grammatika Ġdida tal-Malti.* S.n., 1994.

Cremona, Antonio. *Tagħlim fuq il-kitba Maltija II.* Lux Press, 1938.

Ennaji et al., *A Grammar of Moroccan Arabic*. Faculty of Letters Dhar El Mehraz, Fès, 2004.

Frawley, William J. *International Encyclopedia of Linguistics: AAVE-Esperanto*. Vol. 1, Oxford U.P., 2003.

Hartmann, Reinhard Rudolf Karl u Francis Colin Stork. *Dictionary of language and linguistics*. Applied Science Publishers, 1972.

Mifsud, Manwel. "The productivity of Arabic in Maltese." *Proceedings of the 2nd Conference of the International Association for Arabic Dialectology (AIDA).* University Publications Centre, 1995.

- - -. "X'inhu l-plural ta' 'ktejjeb'?" *Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti*, www.kunsilltalmalti.gov.mt/mistoqsijiet?id=85. Aċċessata nhar l-20 ta' Marzu 2018.

Schneider, Klaus P. *Diminutives in English*. Vol. 479, Walter de Gruyter, 2003.

Spagnol, Michael. *Maltese Evaluative Morphology.* 6th International Conference on Maltese Linguistics, Bratislava, is-Slovakkja, 2017.

Sutcliffe, Edmund F. *A grammar of the Maltese language: With chrestomathy and vocabulary.* Oxford U.P., 1936.

# Bejn Kanzunetta u Poeżija

## Il-Lirika tal-Brikkuni

Studenta:
Sephora Francalanza

Tutur:
Prof. Adrian Grima

## 1. Introduzzjoni

Fl-istorja tal-letteratura tal-Punent, kien hemm żmien meta l-kanzunetta kienet titqies bħala letteratura. Il-poeżija taf il-bidu tagħha lill-mużika, għaliex bdiet tinkiteb biex takkumpanja l-mużika tal-lira (Cooper 135), iżda biż-żmien, din ir-relazzjoni bdiet tiddgħajjef. Dan l-istudju jistħarreġ ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ dixxiplini llum, permezz ta' analiżi letterarja ta' xi kanzunetti tal-grupp lokali Brikkuni.

## 2. Il-lirika ħaqqha l-Premju Nobel għal-Letteratura?

Il-kwistjoni tar-rabta tal-lirika tal-kanzunetta mal-poeżija tqajmet fuq livell internazzjonali mal-aħbar tar-rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura tal-2016, il-kantawtur Bob Dylan. Ħafna qablu ma' din l-għażla, fosthom *The New York Times* li qalet li b'din l-għażla, il-bord tal-Premju Nobel *"dramatically redefined the boundaries of literature, setting off a debate about whether song lyrics have the same artistic value as poetry or novels"* (Alter et al). Min-naħa l-oħra, fost dawk li kkritikaw din l-għażla, kien hemm il-kittieb Irlandiż Irvine Welsh, li stqarr li dan il-premju tilef xi ftit minn valuru meta ngħata lil mużiċist (Gilmore).

Dylan mhuwiex kantawtur u mużiċist kwalunkwe. Tul il-karriera tiegħu esperimenta bis-sħiħ, u esplora stili varji li jixhdu l-influwenza letterarja tar-Romantiċi bħal Blake u Coleridge, tal-Modernist Franċiż Arthur Rimbaud, u tal-poeti tal-ġenerazzjoni Beat ta' żmien Dylan stess, bħal Jack Kerouac u Allen Ginsberg (Gilmore). Bħall-kantawturi Taljani, huwa għanna favur it-titjib ta' ħajjet il-bniedem, kanzunetta paċifista li ħarset lejn temi universali imma wkoll lejn is-sitwazzjoni tan-nies komuni fl-Istati Uniti tal-Amerka ta' żmienu.

L-oġġezzjoni ta' bosta kummentaturi hija msejsa fuq il-fehma li l-lirika hija inferjuri għall-poeżija. Għalihom hemm distinzjoni ċara bejn id-dinja tal-arti għolja u d-dinja tar-rock 'n' roll li m'għandhiex il-preġju u ma tgawdix ir-rispett li tgawdi l-poeżija. Jien ma naqbilx ma' din l-oġġezzjoni għaliex, minkejja li ma jeżistix il-Premju Nobel għall-Mużika, il-kanzunetta mhix forma artistika inferjuri għal-letteratura. Barra minn hekk, il-kanzunetta wkoll kapaċi ġġib bidla sinifikanti f'ħajjet il-bniedem, tittraxxendi l-parametri konvenzjonali u toħloq djalogu dwar kwistjonijiet kurrenti.

Il-fehmiet lokali fuq is-suġġett ivarjaw, b'Mario Vella, il-kantawtur tal-Brikkuni nnifsu, jinsisti li l-"Lirika MHIX poeżija u viċiversa." L-awtur Antoine Cassar ma jaqbilx miegħu, għaliex f'diskussjoni pubblika fuq sit soċjali, huwa qal li bħal fil-każ ta' Bob Dylan, Mario Vella huwa kantawtur u poeta. "Dwar li lirika mhix poeżija u viċiversa ... naqbel li mhumiex l-istess ħaġa, imma jagħlfu 'l xulxin. Hemm lirika poetika, lirika inqas poetika, u lirika li mhi poetika xejn. Bob Dylan kantawtur u poeta. Leonard Cohen kantawtur u poeta. U Mario Vella? Se tgħidilna li poeta m'intix? Ikun sinjal," jgħidlu Cassar bi tbissima, "ta' umiltà kbira, iżda falza" (A. Cassar, Kumment fuq artiklu). Il-pożizzjoni tal-kantawtur veteran Manwel Mifsud hi

li l-poeżija u l-kanzunetta jgħammru fi mkejjen kemxejn differenti. Hu jqis il-kanzunetta bħala sfida ikbar mill-poeżija, partikolarment minħabba l-limitu tagħha fit-tul u l-ħtieġa li tinftiehem minnufih mill-udjenza (M. Mifsud, intervista).

## 3. Il-Ħbula Stirati tal-Kanzunetta

Mario Vella feġġ fix-xena letterarja Maltija bil-poeżiji tiegħu li dehru fil-ġabra ta' ħames poeti, *Ħbula Stirati*, fl-2007. Għalkemm inkluda lilu nnifsu ma' dawn il-poeti li kellhom ix-"xenqa espliċita li jdaħħlu mill-ġdid is-sogru fis-sengħa tal-vers," huwa ttratta dawn il-vrus mill-bidu nett bħala lirika tal-kanzunetti li "oriġinarjament inkitbu sabiex jitkantaw" (Vella Mario et al). Uħud mill-poeżiji ta' Vella li jinsabu fil-ġabra *Ħbula Stirati* kantahom fit-tnedija tal-ktieb u eventwalment tfaċċaw bħala kanzunetti fl-ewwel żewġ albums tal-grupp Brikkuni, *Kuntrabanda* fl-2008 u *Trabokk* fl-2012.

Vella juri x-xewqa li l-kanzunetta Maltija timraħ fil-ħsieb u fl-istil. Fl-2016, huwa appella lil gruppi simili tal-Brikkuni sabiex ma jħossuhomx ristretti f'dak li jdoqqu: "Il-mużika li tinterpretaw ma tibdiex u tispiċċa man-noti li ddoqqu iżda mal-fehmiet, xewqat u ideoloġiji li kibru magħkom. Huma inseparabbli u s-separazzjoni tagħhom ma tħalli xejn warajha għajr xogħol insipidu u materjal li l-kwalità tiegħu ma twassalx lil hinn mit-teknika. Nibqa' noħlom li għad jisbaħ jum meta tistejqru mir-raqda tagħkom, u tifhmu kemm għandkom saħħa, u kemm tistgħu tieħdu r-riedni f'idejkom – jekk imqar tridu, jekk imqar fadlilkom qalb li għadha tħabbat għal xi ħaġa li għadha mhix mittiefsa mill-kompromessi politiċi li jeżistu f'kull qasam, inkluż dak mużikali" (Brikkuni, Facebook). L-istraordinarjetà tal-Brikkuni tinsab proprju hawn, li ħadu r-riedni f'idejhom u ma ħallewx il-kanzunetta tagħhom tinħakem mill-atmosfera tal-festivals, il-kanzunetti sterjotipiċi li Immanuel Mifsud jiddistingwihom minnhom billi jsejjaħ il-kanzunetti tal-Brikkuni "poeżiji maħdumin, li min kitibhom fortuntament nesa li l-pop Malti tradizzjonalment illimita ruħu għat-tradizzjoni tal-inħobbok u tal-għalfejn-tlaqtni u tal-kif-se-mmut-mingħajrek" (I. Mifsud, "Meta l-Imqarbin Ikunu Bravi"). Huma u jwettqu manuvri mużikali u letterarji bil-lingwa Maltija li rari twettqu qabel, il-Brikkuni jużaw l-idjoma tagħhom biex jissensibilizzaw udjenza wiesgħa.

## 4. Il-Metafora: il-Konvenzjoni u x-Xbieha

Il-lirika ta' Mario Vella hija xhieda tal-fatt li l-għeruq tan-natura u

d-dinamika tal-metafora jinsabu fil-lingwaġġ ta' kuljum, għax il-bnedmin jużawha l-ħin kollu u inkonxjament: *"metaphor (that is, cross-domain mapping) is absolutely central to ordinary natural language semantics,"* u l-istudju tal-metafora letterarja huwa *estensjoni* tal-istudju tal-metafora fil-ħajja ta' kuljum (Lakoff 1). Il-metafora ta' Vella ħafna drabi għandha l-għeruq tagħha fil-metafora komuni li tinstab fil-lingwaġġ ta' kuljum, pereżempju fl-idjomi Maltin, li huma mimlija metafori. Il-metafori konċettwali konvenzjonali, li jinsabu fil-ħsieb u l-lingwaġġ komuni, huma għalqa kbira li fiha l-awturi letterarji u liriċisti bħal Vella jfittxu l-materja prima għall-kreazzjonijiet metaforiċi tagħhom.

It-titlu nnifsu tal-kanzunetta "Ix-Xewk u x-Xwiek," pereżempju, huwa devjazzjoni mill-espressjoni idjomatika "fuq ix-xwiek" li l-Maltin jużawha biex ifissru meta xi ħadd ikun eċċitat. Permezz tal-alliterazzjoni u l-konnotazzjoni idjomatika tal-kelma "xwiek," Vella joħloq metafora konċettwali makakka li tqanqal il-burdata dinamika tal-imħabba, li daqqa tħossok qiegħed fuq ix-xewk – nom bil-konnotazzjoni ta' wġigħ fiżiku, li titniggeż, bid-diwi wkoll tal-kuruna tax-xewk li libbsu lil Ġesù fil-passjoni tiegħu – u daqqa tħossok fuq ix-xwiek, ħerqan jew ħerqana għal li ġej. Il-metafora li hemm fl-idjoma li tnissel minnufih xbieha f'moħħ is-semmiegħa, għax ħafna idjomi jostru metafora fihom, tgħin biex tlaqqa' s-sors mat-tir, dak li Lakoff isejjaħlu "*target domain*" (8), jew l-għalqa li tirċievi. Li kieku kellna nittrattaw din il-metafora kif jittrattaha Lakoff, insibu żewġ kunċetti fiha: l-imħabba hija wġigħ u l-imħabba hija eċċitament. Il-lirika ta' Vella tegħleb l-isfida li tinġarr mid-diskors stabbilit tal-kanzunetti tipiċi ta' mħabba u minflok toħloq konnessjonijiet akustiċi u semantiċi ġodda.

Tip ta' metafora oħra li juża Vella f'din il-kanzunetta hija l-"*image-metaphor*" ta' Lakoff (25), illum sikwit metafora mejta, bħall-metafora-xbieha tal-qoxra, għaliex nifhmu li tirreferi għall-qoxra, bħal ta' bebbuxu, li l-bnedmin jilbsu bħal maskra, jew b'mistħija, jew biex jaħbu l-identità vera tagħhom.

L-istess bħalma meta togħdos fil-baħar, bħallikieku qed tilgħab logħba, tieħu gost li tmiss il-qiegħ, il-qiegħ metaforiku fil-kanzunetta wkoll iġiblu sensazzjonijiet pożittivi lil Vella, sensazzjonijiet psikosomatiċi, għaliex "Missejt il-qiegħ, u kien hemm ħlewwa / Fil-qiegħ, l-oħla ħlewwa." Dan l-aħħar distiku dwar il-qiegħ li jġib ħlewwa, saħansitra bl-użu tas-superlattiv, jirrappreżenta l-kulminu tas-sensazzjonijiet sesswali meta fl-aħħar tintlaħaq il-milja fil-bnedmin li jitwaħħdu fiżikament u

spiritwalment. Filwaqt li, is-soltu, dan il-qiegħ jissimbolizza l-falliment, fil-kanzunetta dan is-simbolu jinqaleb ta' taħt fuq, għaliex Vella donnu qatt ma tela' daqshekk fil-għoli, ma jistax jasal aktar minn hekk. L-għoli, kif jiddiskutu t-teoristi George Lakoff u Mark Johnson fl-istudju tagħhom fuq il-metafora, jitqabbel mal-pożittiv, "*more is up,*" waqt li "*less is down*" (20). Dan hu eżempju ta' "*image-schema*" (23), li hi struttura fil-moħħ li tistabbilixxi skemi ta' raġunar u li fil-qafas tagħha tinħoloq il-metafora konċettwali. Is-sovverżjoni ta' dan it-tqabbil Vella jagħmilha permezz tal-metafora. Wormser u Cappella jgħidu li "*The soul is the depth of our being and poetry is one means of sounding that depth*" (Wormser u Cappella xiii). Wara kollox, il-poeżija hija, qabelxejn, esperjenza fiżika li ġejja mill-qiegħ nett tar-ruħ jew tasal f'dak il-qiegħ (xviii); il-poeta Joseph Brodsky jiddeskriviha bħala "*the soul's search for its release in language*" (xiii). Dan l-istess ħelsien Vella jsibu fil-qiegħ nett, li għalih jirrappreżenta "l-oħla ħlewwa" li għadhom kif ġarrbu l-maħbubin flimkien, destinazzjoni f'ruħu li qatt ma żar qabel.

Fl-użu tal-metafora fil-lirika tiegħu, Mario Vella jirrifletti l-funzjoni l-iktar radikali tal-metafora, dik li tesplora jew saħansitra toħloq realtajiet u esperjenzi ġodda. Ħafna drabi dan jagħmlu bil-metafora konċettwali konvenzjonali li titlaq minn konvenzjoni fis-soċjetà u tinvertiha b'tali mod li bilkemm tibqa' tixxiebah.

## 5. Djalogu mal-Bibbja

Il-kanzunetti tal-Brikkuni huma miżgħuda bl-intertestwalità: hemm allużjonijiet għal ġrajjiet veri li seħħu f'Malta, bħal f'"L-Assedju ż-Żgħir," taħdit idjomatiku, bħal f'"Sigrieti" u riferimenti diretti għall-films, bħal fil-każ tal-kanzunetta "Aguirre" fl-album *Rub al Khali*. Minkejja li Vella, fil-lirika tiegħu, juri ċertu antagoniżmu lejn il-Knisja bħala istituzzjoni, donnu ma jistax jaħrab min-nieqa Kattolika li bennitu, u jinqeda b'bosta allużjonijiet bibliċi. Din hi prova tal-punt li għamlu Mikhail Bakhtin u Julia Kristeva fl-istudju tal-intertestwalità, li t-test ma jistax jinfatam mit-testwalità kulturali u soċjali li ġej minnha (Allen 36), u l-kanzunetti tal-Brikkuni donnhom jiddjalogaw ma' dawn it-testi, mhux biss jissellfu xi parti minnhom.

Kanzunetta allużiva li aktarx taqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' Gérard Genette – il-metatestwalità – hija "Il-Maħbuba l-Midruba." Dwar il-metatestwalità, Genette jgħid: "*It unites a given text to another, of which it speaks without necessarily citing it (without summoning it), in fact sometimes even without naming it*" (4). L-isem "Il-Maħbuba

l-Midruba" jidwi l-isem tal-ġabra ta' novelli ta' Immanuel Mifsud, *Il-Ktieb tal-Maħbubin Midruba*, li bħala fattur komuni għandhom ir-rappreżentazzjoni tal-mara bħala vittma, minkejja ċ-ċentralità tagħha fl-istejjer. Il-kanzunetta tissellef dan il-motif ukoll. Lill-mara maħbuba tpoġġiha fix-xena tal-kruċifissjoni ta' Kristu, minfloku fuq is-salib.

L-ewwel versi "Pala, zappun u satal/ raddijiet il-ġilji lill-art" diġà huma indikattivi tax-xena li sseħħ fuq il-Golgota, iżda r-referenza tilħaq il-qofol tagħha fil-vers "xappu l-isponoż fil-ħall," li hu kważi identiku tal-vers mill-Bibbja: "Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba tal-issopu, u ressquhielu lejn ħalqu" (*Il-Bibbja,* Ġw 19:29). Dan huwa l-"*objective-correlative*" ta' T. S. Eliot, li jittrasferixxi l-emozzjonijiet fit-test permezz ta' *"a set of objects, a situation, a chain of events which shall be the formula of that particular emotion"* ("Hamlet and his Problems"). Il-ġrajja rrakkuntata f'din il-kanzunetta tibda sa mit-tħaffir fl-art għall-qabar jew għas-salib, u tibqa' sejra sa wara mewt il-mara, meta l-ħtija tirrenja fuq il-ħatja, bħalma rrenjat fuq dawk li sallbu lil Ġesù fil-Bibbja, partikolarment fuq is-suldat li nifidlu ġenbu u ħareġ biss demm u ilma minn ġisem Ġesù (Ġw 19:34).

F'"Il-Maħbuba l-Midruba" hemm insinwazzjoni oħra li din il-maħbuba qed jifflaġellawha għaliex hi wkoll dinbet, forsi sesswalment, u r-referenza din id-darba hi għall-mara li fl-Iskrittura nqabdet fl-adulterju. Il-konnessjoni bejn il-kanzunetta u din il-ġrajja fl-Iskrittura ssir permezz tat-trab, is-simbolu użat fiż-żewġ testi. Fil-Bibbja, Ġesù jikteb fit-trab hu u jipprova jinjora lill-Fariżej li qegħdin jikkundannaw lill-mara, u jagħmel l-isfida retorika tiegħu: "'Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla'" (Ġw 8:7). Fil-kanzunetta, "il-fdal ta' ruħhom offriet l-art/u meta lestiet iż-żarbun mesħet mit-trab." It-trab jintuża diversi drabi fil-Bibbja bħala simbolu, pereżempju fil-Ġenesi, "Għax trab int u fit-trab terġa' tmur" (3:19), u Pawlu Mizzi jagħmel rabta bejn din il-kanzunetta u dan il-vers mill-Bibbja, għaliex il-maħbuba jistħajjilha "tirrappreżenta lill-ħajja li ta' kuljum tfakkarna li kollox u kulħadd għad jerġa' jsir trab" ("Tberfil"). Iżda l-vers ta' Vella huwa referenza ċara għall-vers minn Mattew: "Jekk imbagħad xi ħadd ma jilqagħkomx u ma jismax minn kliemkom, oħorġu 'l barra minn dik id-dar jew belt u farfru t-trab ta' saqajkom" (10:14). Minkejja li l-azzjoni sseħħ darba lejn tmiem il-kanzunetta, hemm ċerta ritwalità fl-att tat-tindif taż-żarbun, bħallikieku hu parti minn rit spiritwali li jixhed id-devozzjoni u d-determinazzjoni tal-fidili. F'dal-każ it-trab, marbut

mal-ħmieġ, fir-referenzi bibliċi u anke fil-kanzunetta, jissimbolizza dan il-qtugħ minn dawk li ma jridux jissieħbu fil-komunità ta' dawk li jemmnu. It-trab jimplika li l-għażla tagħhom hi bħallikieku ħmieġ jew marda li l-fidili jridu jagħmlu minn kollox biex ma jittiħdux minnha.

Fil-vers b'inverżjoni "il-fdal ta' ruħhom offriet l-art," l-art u l-mara jitwaħħdu fil-figura mitoloġika ta' Gaea, l-alla tal-univers, għalhekk il-figura anonima femminili tal-aħħar vers, "u meta lestiet iż-żarbun mesħet mit-trab," x'aktarx hija Gaea, għaliex tiġbor il-protagonisti f'essri wieħed. L-azzjoni ta' Gaea li timsaħ iż-żarbun tagħha mit-trab, tista' tinftiehem bħala l-azzjoni ta' figura li donnha qatgħet qalbha minn uliedha, mill-bnedmin, minn dawk li tkażaw u sallbu lill-maħbuba l-midruba u lil Ġesù qabilha. F'dan il-kuntest, il-kanzunetta donnha tikteb l-istorja tal-kruċifissjoni ta' Kristu mill-ġdid, imma b'tali mod li Ġesù, il-vittma, ma jaħfirx dnubiet min sallbu; din id-darba ma jgħidx, "'Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu'" (Lq 23:34), imma jaħsel idejh minnhom, bħalma Pilatu ħasel idejh minnu.

It-test ma jistax jiżola ruħu minn dak li ġie qablu u dak li ġej warajh, għax ladarba jinkiteb, isib ruħu f'relazzjoni multidixxiplinarja li tisfida l-konfini tal-post u ż-żmien. Permezz ta' din il-kanzunetta u oħrajn, bħal "Loqom" u "L-Assedju ż-Żgħir," Vella jqiegħed il-lirika tal-Brikkuni fi kwadru akbar minn dak tax-xena mużikali Maltija billi joħloq djalogu mal-ġrajjiet u n-narrattivi tal-kultura Maltija, djalogu li kapaċi jiddestabilizza jew saħansitra jxejjen il-memorja stabbilita ta' dawn il-ġrajjiet billi jaqlibhom ta' taħt fuq, mhux biss bl-intertestwalità, iżda anke bl-għodod ewlenin l-oħra tiegħu, il-metafora u t-ton.

## 6. L-Ironija Satirika

Għalkemm fil-maġġoranza tal-kanzunetti Vella jidher li qed jeħodha qatta bla ħabel kontra l-persuni t'awtorità li dmirhom hu li jerfgħu r-responsabbiltà tal-pożizzjoni tagħhom u jiggwidaw lill-poplu, huwa ma jippuntax subgħu lejn dawn in-nies biss, imma jħares minn lenti makrokożmika lejn is-soċjetà kollha. F'xi kanzunetti, it-ton jironizza ċerti użanzi u karatteristiċi tas-soċjetà, bħallikieku jixtieqha tqum fuq tagħha, attitudni simili għal ta' Juann Mamo lejn is-soċjetà insulari fir-rumanz tiegħu *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*.

Kanzunetta li tironizza l-ħajja Maltija tar-raħal hi "Fil-Bar ta' Taħt il-Knisja," fejn l-ironija fit-titlu tintrifed bil-paradoss li jlaqqa' l-ħajja tradizzjonali

Maltija magħġuna minn valuri reliġjużi sodi mal-ħajja aktar moderna u liberali, rappreżentata mis-sineddoke tal-"bar," post magħruf bħala skandaluż. L-isfond tal-kanzunetta huwa r-realtà, għaliex verament fetaħ bar għall-omosesswali viċin il-knisja tal-Imġarr, ir-raħal ta' Vella (Vella, "Tislijiet minn Brussell"). Il-fatt li l-bar hu daqshekk viċin tal-knisja, meqjusa bħala post sagru, jitqies bħala sagrileġġ u jmur kontra l-valuri msemmija, fatt muri fil-paradoss "Kull dritta ssir milwija."

It-ton ta' dil-għanja għall-ġenerazzjoni l-ġdida huwa wieħed ta' tkażar falz, għax tinħass ironija qawwija fil-versi li donnhom jidwu s-seksik tan-nies tar-raħal. It-ton jinbidel f'wieħed ta' sfida f'versi bħal "fuq sider bintek taf issibni hemm," sfida diretta lir-raħlin li aktarx jirreżistu l-bidla fis-soċjetà, nies bħal Ċikku ċ-Ċinkwina u martu Lieni ("Ċikku ċ-Ċinkwina," *Trabokk*). Il-liriċista jopponi din il-mentalità u juri ċerta stmerrija lejha u jistqarr bla tlaqliq li hu wieħed mill-klijenti tal-bar: "Naħqar il-pulmun u nbul fuq l-intellett." Hawn jitfaċċa n-nuqqas ta' qbil, permezz tal-atti vulgari li jagħmel, li Vella jidher li għandu mhux biss mar-raħlin imma aktar mad-dinja akkademika jew l-istituzzjonijiet tagħha. In-nuqqas ta' rima regolari hu wkoll kumment dwar kif donnha ntilfet l-ordni fil-ħajja moderna.

Għall-ewwel, il-kantant jimxi fuq l-għajdut tan-nies, "Jiena noqgħod fuq li smajt," imma lejn tmiem il-kanzunetta, wara li jkun magħad dan l-għajdut u interpretah bil-mod tiegħu, jindirizza lin-nies: "Mur u oqgħod fuq li smajt." Din it-tidwira sarkastika fl-indirizz tissimbolizza ċ-ċirku vizzjuż tas-seksik, u l-Maltin tipiċi li jemmnu kulma jisimgħu mingħajr provi, kif tindika l-metafora, "u jekk kuċċarina tleqq ngħadduha b'deheb." Hawn Vella juża l-lingwaġġ popolari biex iwassal id-djuq ta' fehmiet ċerti nies.

Ir-rappreżentazzjoni tal-ħajja raħlija tisseddaq minn żewġ metafori li għandhom l-għeruq tagħhom fil-ħajja ta' kuljum: fil-versi "Fil-bar ta' taħt il-knisja/jonxru ħwejjeġ tal-mistħija," Vella jissellef espressjoni idjomatika Ingliża, "*to wash your dirty linen in public,*" li tingħad bħala twiddiba lil dawk li jperrċu dak li hu privat. Il-metafora l-oħra hi tal-insib, "in-nisa jonsbu għan-nisa," li toffri riinterpretazzjoni ta' realtà fis-soċjetà moderna, l-omosesswalità, permezz tal-insib, biex toqgħod aktar fl-ambitu tradizzjonali Malti. Dan il-vers hu antitetiku ma' ta' qablu, "L-irġiel ma jaqbdux nisa," u jkompli jqanqal dan il-kuntrast bejn qabel u issa, it-tradizzjoni u l-modern, il-morali u l-immorali, u l-ironija tispikka aktar peress li din l-immoralità qed isseħħ fil-bar ta' taħt il-knisja. Il-ħajja matrimonjali tidher donnha xkiel, għax "Iċ-ċrieket issikkati/

madwar swaba' inkallati": Dawn iċ-ċrieket jindikaw sikkatura żejda fiż-żwieġ, imma l-ħmieġ ta' mas-swaba' donnu jindika l-ħmieġ morali ta' dak li qegħdin jagħmlu f'dal-bar magħruf għat-tbaħrid. Iċ-ċrieket, metafora tar-rabta taż-żwieġ, jibdew jinħallu ftit ftit huma u jerħu ruħhom fiż-żina l-miżżewġin.

Barra minn hekk, il-mara f'din il-lirika tal-Brikkuni tidher bħala kreatura inferjuri għal parti mis-soċjetà bil-vers "Ix-xogħol waħdu jurik." Il-pronom dimostrattiv "din" fl-anafora "Din donnha taf xi trid/Din qisha għafrid tal-qiegħ" iwaqqa' l-valur tal-mara wkoll. Din l-anafora tidwi kliem minn fomm in-nies, bħal donnu hemm kor magħmul mill-folla li tintervjeni. Għax il-mara m'għadhiex passiva u "taf xi trid," tixxebbah ma' dimonju, u dan, il-lirika tenfasizzah billi tikkwalifika li hu "tal-qiegħ," ewfemiżmu għall-infern.

Fl-istudju dekostruttiv ta' test letterarju, li fih l-istudjużi jżarmaw it-test mill-interpretazzjonijiet konvenzjonali tiegħu biex jaslu għal interpretazzjonijiet oħrajn, it-ton għandu rwol kruċjali għaliex jinħeba fl-isfond ta' kull għodda letterarja oħra bħala l-pedament li l-mekkaniżmi l-oħra jinbnew fuqu. Ebda metafora jew alliterazzjoni ma tirnexxi jekk ma tkunx f'relazzjoni kumplimentarja mat-ton, li jixhed il-qagħda tal-kittieba huma u jiktbu.

## 6. Konklużjoni

Minkejja li l-kanzunetta tal-Brikkuni hi miżgħuda b'elementi poetiċi b'saħħithom, nemmen li l-kanzunetta titlef mis-seħer tagħha meta jittiħdilha l-komponent ewlieni l-ieħor tagħha, il-mużika. Xi testi, bħat-tliet kanzunetti analizzati f'dan l-istudju, jirnexxilhom ikampaw waħedhom fuq paġna, f'kuntrast ma' kanzunetti b'xejra iżjed sempliċi bħal "Firien," imma fil-fehma tiegħi, fuq paġna jitilfu mis-sħuħija tagħhom bħala kanzunetta, anke għaliex il-poeżija hija kliem u *mużika* flimkien, filwaqt li l-lirika tal-kanzunetta tistrieħ ukoll fuq il-mużika għall-ħoss u r-ritmu li jipproduċu ħsus. Bħala poeżiji, "Ix-Xewk u x-Xwiek" hija rikka fil-metafora, "Il-Maħbuba l-Midruba" tinqeda sew bl-intertestwalità, u "Fil-Bar ta' Taħt il-Knisja" tistrieħ ħafna fuq l-ironija, iżda lkoll huma xhieda tal-ħadma makakka tal-kelma ta' Mario Vella.

Il-kumplessità fl-użu tal-istrateġiji letterarji li tidher fil-kanzunetta rikka tal-Brikkuni turi li mhux lakemm tinqata' linja ċara bejn il-lirika tal-kanzunetta u l-poeżija. 'Il quddiem tista' ssir riċerka fuq għadd ta' elementi, fosthom il-funzjoni tal-kantawtur, tal-kanzunetta u tal-poeżija fis-soċjetà, u kif dawn it-tnejn tal-aħħar joqorbu, jekk joqorbu, lejn xulxin, fil-kuntest ta' soċjetà u mument storiku partikolari.

# Biblijografija


Allen, Graham. *Intertextuality.* Routledge, 2000.

Alter, Alexandra, et al. "Bob Dylan Wins Nobel Prize, Redefining Boundaries of Literature." *The New York Times,* www.nytimes.com/2016/10/14/arts/music/bob-dylan-nobel-prize-literature.html. Aċċessat fl-14 t'Ottubru 2017.

*Il-Bibbja*. Għaqda Biblika Maltija. It-Tieni Edizzjoni, 1996.

Brikkuni. *Kuntrabanda,* Temple Studios, 2008.

---. *Rub Al Khali,* Temple Studios, 2017.

---. *Trabokk,* Temple Studios, 2012.

---. "Yo FARSONS ... Nixtieq intenni mill-ġdid li l-esklużjoni tagħna mill-Festival tagħkom ..." *Facebook*. 9 ta' Mejju 2017, 12:50, www.facebook.com/34271372500/photos/a.10150704388507501.496755.34271372500/10156190271197501/?type=3&theater.

Cassar, Antoine. Kumment fuq artiklu ta' *The Malta Independent,* Facebook, 14 ta' Frar 2012, www.facebook.com/antoinecassar/posts/251707674908054.

Cooper, Wyn. "Words and Music: Three Stories." *The Poetics of American Song Lyrics.* Editjat minn Charlotte Pence. U.P. of Mississippi, 2012. 134-142.

Eliot, T. S. "Hamlet and His Problems." *The Sacred Wood and Major Early Essays*. Courier Corporation, 1997.

Gilmore, Mikal. "Why Bob Dylan Is a Literary Genius." *Rolling Stone,* www.rollingstone.com/music/features/why-bob-dylan-is-a-literary-genius-w454731.

Lakoff, George. "The Contemporary Theory of Metaphor." *Metaphor and Thought*. Editjat minn Andrew Ortony. Cambridge U.P., 1992.

Mifsud, Immanuel. "Meta l-Imqarbin Ikunu Bravi." *Facebook,* 2008. www.facebook.com/notes/brikkuni/meta-l-imqarbin-ikunu-bravi-recensjoni-ta-immanuel-mifsud/36710444279/.

Mifsud, Manwel. Intervista personali. 12 ta' Diċembru 2017.

Mizzi, Pawlu. "Fit-Trabokk mal-Brikkuni." *Tberfil*. 2012. tberfil.blogspot.com.mt/2012/02/fit-trabokk-mal-brikkuni.html.

Vella, Mario. "Tislijiet minn Brussell: Intervista ma' Mario Vella (Brikkuni)." *YouTube.* Intervistat minn Alex Vella Gera. Imtella' minn ereżija, 14 t'April 2012, www.youtube.com/watch?v=y8YeKphWTQk.

Vella, Mario, et al. *Ħbula Stirati*. 2007, hbulastirati.blogspot.com.mt/. 26 ta' Ottubru 2017.

Wormser, Baron u David Cappella. *Teaching the Art of Poetry: The Moves.* Routledge, 1999.

# Il-Profil ta' Riforma Ortografika

Studenta:
Bernice Magro

Tutur:
Dr Olvin Vella

## 1. Daħla

Dizzjunarju ewlieni tal-Ingliż jiddefinixxi l-'ortografija' bħala dik il-parti tal-grammatika li tittratta n-natura tal-ittri u l-kumbinazzjonijiet varji tagħhom (Follick 26). Din id-definizzjoni hija simili għal dik ta' Baker, iżda huwa jelabora d-definizzjoni billi joħloq paragun bejn sistema ta' kitba u ortografija. Sistema ta' kitba, jgħid Baker, hija dik li tirrappreżenta b'mod grafiku xi lingwa jew grupp ta' lingwi f'daqqa waqt li l-ortografija hija sistema ta' kitba iktar speċjalizzata għaliex tinħoloq għal lingwa partikolari (Baker 96). Minħabba li l-ortografija tal-Malti sa meta saret uffiċjali fl-1924 ġa ġiet irrakkontata minn Ninu Cremona fil-poeżija *Ultimae Nostrarum*, għall-għan ta' dan l-istudju, ser niffoka fuq ir-riformi li wasslu għall-ortografija tal-Malti standard, minn wara li saret uffiċjali sal-preżent billi nittratta argumenti rikorrenti li dehru fil-kwistjoni ta' din il-bidla ortografika.

## 2. L-Aspett soċjali u politiku

Sebba jassoċja l-ortografija mal-identitajiet soċjali u nazzjonali ta' komunità u dawn, skontu, jeħtieġu jidhru fi studju ortografiku (Sebba 103). Geerts et al. ikomplu jisħqu fuq dan il-punt billi jgħidu li fil-proċess ta' xi riforma, l-influwenza ta' xi fatturi mhux lingwistiċi, speċjalment dawk politiċi, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll (Geerts, Van den Broeck u Verdoodt 206). Dan jaqbel ukoll mal-kliem ta' Priestly li jgħid li l-lingwistika għandha tagħraf, fl-istudji tagħha, l-oqsma differenti li jinfluwenzaw lill-ortografija u jisħaq li l-lingwista involut f'taħriġ bħal dan għandu jkun konxju ta' fatturi varji bħal dawk psikoloġiċi, soċjoloġiċi, u politiċi (Priestly 314).

Skont Schieffelin u Doucet, l-argument rigward liema ortografija wieħed għandu juża meta jkun hemm l-għażla huwa relatat iktar ma' prinċipji u ideoloġiji, u r-reazzjoni kontra l-bidla ġeneralment isseħħ meta r-riformaturi ma jkunux iħaddnu l-istess twemmin soċjali, speċjalment dak politiku (Schieffelin u Doucet 187). Dan jaqbel ma' dak li jiddiskuti Sebba meta jgħid li l-bidla fl-ortografija hija possibbli meta jkun hemm aġenda politika ċara li kulħadd jaqbel magħha.

Dan jidher ukoll fil-kuntest Malti meta f'taħdita li ta Erin Serracino Inglott fl-1976, huwa jsostni li fejn jidħol il-Malti, bħala lsien nazzjonali tagħna, m'għandux ikun hemm lok għall-politika (Serracino Inglott 21) u dan jinħass li huwa bħal diwi tal-għanijiet tal-Għaqda li f'waħda mill-ħarġiet ta' *Il-Malti*, turi biċ-ċar li "dan il-ktieb m'għandux x'jaqsam ma' Partiti, la ta' politika u inqas ta' festi, ta' baned, ta' logħob u praspar oħra", iżda li l-għan huwa biss li xxerred dejjem iżjed il-qari tajjeb tal-Malti. Fil-fatt, anke fir-riforma tal-1990 fil-Portugiż, ir-raġuni għala xi wħud ma qablux ma' din ir-riforma kien minħabba l-fatt li bdew iqisuha bħala waħda li kienet qed taljena lin-nies mill-bżonnijiet l-iktar kruċjali, f'termini ta' kultura u edukazzjoni, u għalhekk bdiet titqies bħala deċiżjoni politika iktar milli waħda lingwistika (Jordan), dak li proprju Serracino Inglott saħaq kontrih.

## 3. L-Aspett ta' awtorità

L-aspett politiku li ddiskutejt fit-taqsima ta' qabel jidher ukoll fl-idea ta' f'idejn min għandha titħalla l-bidla. Skont Powers, l-esperti tal-lingwa li jieħdu d-deċiżjoni finali rigward il-bidla li jeħtieġ li sseħħ fil-kitba għandhom l-ewwel u qabel kollox jikkunsidraw l-opinjoni ta' dawk li jużaw il-lingwa u l-kitba fil-ħajja ta' kuljum (Powers 497). Minkejja li dan il-punt jidher li ngħata importanza

fis-seminar li sar dwar l-aġġornament tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* tal-1992, fit-2 ta' Novembru, fejn intlaqgħu diversi suġġerimenti u argumenti minn dawk preżenti, Manwel Mifsud jikkritika d-dokument f'*Il-Ġens* għaliex fir-rapport imsejjaħ finali, dawn l-opinjonijiet twarrbu għalkollox. Lawrenz Cachia wkoll jikkritika l-isem tar-rapport u jgħid li ma jistax jissejjaħ finali għax fil-fatt, dan kien għadu biss l-ewwel parti.

Min-naħa l-oħra, Sebba ma jaqbilx ma' dan l-argument u jgħid li, meta jkun hemm diskussjonijiet dwar il-possibilità ta' bidla ortografika, din għandha titħalla f'idejn l-esperti tal-lingwa, minħabba li tkun iktar diffiċli jekk titħalla f'idejn il-poplu komuni għax dan ikollu opinjonijiet differenti u iktar ikun hemm ċans għal nuqqas ta' qbil, speċjalment meta ma jkunx iħaddan l-istess ideoloġiji u aspetti politiċi (73). Għalhekk jemmen li l-kunsens pubbliku m'għandux għalfejn ikun ikkunsidrat ladarba jkun hemm sors ta' awtorità (Jaffe 506).

Dan huwa wkoll simili għal dak li jiddiskutu Milroy u Milroy bl-idea li meta tkun trid tittieħed deċiżjoni rigward l-għażla fil-kitba, ħafna jqisu l-opinjoni esperta bħala l-aħjar waħda li tmexxi fid-direzzjoni t-tajba aktar milli wieħed iħalli f'idejn l-għarfien tan-nies komuni fil-lingwa (Milroy u Milroy 1). Bħala eżempju nistgħu naraw li fi żmien tar-riforma tal-1876 fil-Ġermaniż, ma kien hemm l-ebda qbil fuq sistema waħda ta' kitba jew xi tip ta' awtorità li setgħet tikkontrolla l-kitba tal-Ġermaniż. Kien fl-1872 li ġiet indirizzata l-problema tal-ortografija, waqt konferenza fi Dresden fejn Raumer inħatar bħala sors awtorevoli biex joħloq sett ta' linji gwida kemm fil-qasam tal-istandardizzazzjoni u tas-simplifikazzjoni tal-ortografija, u dawn il-linji gwida eventwalment provdew il-bażi għall-konferenza li saret f'Berlin fl-1876.

L-istess japplika għall-Malti f'dan ir-rigward fejn għandna l-idea li biex riforma ma tkunx waħda li toħloq taħwid iżda kemm jista' jkun tiffaċilita t-tagħlim, id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom jiġu studjati u mhux kulħadd jaqdef għal rasu (Aquilina 11). Fil-każ tat-*Tagħrif* naraw li kull kittieb kellu d-dritt li jikkritika u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan l-alfabett stabbilit biex b'hekk ikun jista' jittejjeb, anke minħabba li mhux kull min kien involut fl-ippjanar tal-ortografija qabel kompletament ma' dak li kien qed jinħadem. Madankollu, ħadd ma kellu dritt li joħloq ortografija oħra tiegħu sakemm ma jkunx ħoloqha biex jużaha hu stess (Aquilina 9). F'din it-taħdita, Aquilina wera biċ-ċar li ma jaqbilx ma' dawk l-individwi li joħolqu ortografija differenti għall-użu personali minħabba li dan il-fatt kapaċi jħawwad

lil min ma jafx jiddistingwi bejn ortografija ta' individwu li tibqa' miegħu biss u ortografija standard li tidher fil-pubblikazzjonijiet differenti.

L-iktar aspett li fih deher nuqqas ta' qbil bejn il-kittieba kien fil-kitba tas-semivokali 'j' u 'w'. Pietru Pawl Saydon u Ninu Cremona ma qablux fl-irduppjar ta' dawn is-semivokali f'verbi moħfija tat-tieni forma meta dawn ma jiġux bejn żewġ vokali. Saydon kien jagħżel bejn 'lewnu' li tfisser *its colour* u 'lewwnu' li tfisser *they coloured*, u għalhekk għalih ma kinitx kwistjoni ta' sekwenza vokalika ħdejn is-semivokali biex din tal-aħħar tkun tista' tiġi rduppjata iżda kwistjoni ta' semantika (Bezzina 179). Min-naħa l-oħra, skont Cremona, dawn il-konsonanti qatt m'għandhom ikunu mtennija f'kelma sakemm ma jkollhomx vokali qabilhom u warajhom.

Naraw ukoll li, minkejja li Aquilina jaqbel ma' Saydon fir-rappreżentazzjoni tas-semivokali, jistqarr li xorta mexa fuq ir-regola ta' Cremona għaliex din kienet ir-regola uffiċjali (Aquilina 11) u għalhekk, dan l-eżempju jkompli jikkonferma l-importanza ta' dan id-dokument bħala sett ta' regoli uffiċjali li għen biex inaqqas il-varjetajiet ta' kitbiet bil-Malti u jimxi lejn l-istandardizzazzjoni.

Fiż-*Żieda mat-Tagħrif* ukoll jidher li tingħata importanza lil din l-awtorità fil-kitba fejn l-Akkademja tisħaq li jekk fit-taħdit il-kliem jingħad b'mod differenti, l-ilsien fil-kitba għandu jkun mirqum fl-għażla tal-kliem, tal-espressjonijiet, u tal-idjomi (Regoli Fundamentali nru 7). Iżda, minkejja li ħafna riedu li jkun hemm xi tip ta' uniformità fil-kitba ta' kliem ta' nisel barrani, jidher li kien għad baqa' xi elementi ta' konfużjoni f'diversi aspetti speċjalment fil-idea ta' min għandu l-awtorità.

Fost l-eżempji msemmija, naraw li f'waħda mill-korrispondenzi fil-*Linguistic Pot Pourri*, Aquilina jiġi mistoqsi jekk għandniex niktbu 'okkażżjoni' jew 'okkażjoni'. Minkejja li kienu għaddew sitt snin minn meta ġie ppubblikat iż-*Żieda* li jittratta l-kitba ta' kliem bis-suffiss barrani '-zione', Aquilina xorta jagħti l-fehma tiegħu u jgħid li għandna niktbu 'okkażżjoni' għal raġuni ta' sillabar, għalkemm, skontu, il-verżjoni l-oħra, jiġifieri 'okkażjoni', aktarx tintuża minħabba l-influwenza tas-suffiss ta' nisel Taljan '-zione', u mhux minħabba l-fonetika (*Linguistic Pot Pourri*, 25 xi. 1990).

Fil-każ tar-riforma tal-2008, naraw li l-awtorità uffiċjali kienet f'idejn il-Kunsill tal-Malti li twaqqaf fl-2005 li, fost l-għanjiet tiegħu, kellu li minn żmien għal ieħor jistabbilixxi, skont il-ħtieġa, il-mod kif għandu jinkiteb

kliem ġdid introdott fil-Malti minn ilsna oħra (Att dwar l-Ilsien Malti, 2004). Dan il-bżonn jidher li kien ġa jinħass sa mid-disgħinijiet meta Bro. Michael Buttigieg jikteb li hemm il-ħtieġa li f'Malta għandu jkun hemm entità uffiċjali rikonoxxuta bil-liġi u li għandu jkollha l-awtorità fuq ortografija tajba speċjalment fl-eżamijiet (*Lingustic Pot Pourri,* 2 vi. 1991).

Fil-każ tad-*Deċiżjonijiet 1,* naraw li għandna bħal bilanċ fil-konsultazzjoni kemm ma' dawk li jużaw il-lingwa fil-ħajja ta' kuljum, u li għalhekk għandhom f'moħħhom il-prattiċità, kif ukoll dawk li jaraw li l-kitba tkun ritratt preċiż tal-binja tal-lingwa. Fil-fatt, fit-12 ta' Diċembru 2006 il-Kunsill ħareġ sejħa lil diversi professjonisti li jaħdmu bil-Malti fil-professjoni tagħhom biex ikun jista' jikkonsulta magħhom dwar problemi ortografiċi rikorrenti li jiltaqgħu magħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar il-kitba ta' dan il-kliem.

B'hekk naraw li, minkejja li l-konsultazzjoni hija ta' ħtieġa f'dan ir-rigward, is-siwi tal-awtorità tidher essenzjali, inkella qatt ma jkun possibbli li tiġi stabbilita ortografija uffiċjali waħda u kulħadd jibqa' jikteb kif ifettillu. Fil-każ tal-Malti naraw li hija l-awtorità ta' Aquilina li tidher kontinwament, kemm minħabba l-pożizzjoni tiegħu fil-Malti kif ukoll għax l-argumenti li kien iġib kienu msejsa fuq kriterji lingwistiċi ċari, tant li fid-*Deċiżjonijiet 1,* ħafna mill-argumenti baqgħu jgħoddu. Bħala eżempju naraw li meta xi ħadd staqsa jekk għandniex niktbu 'il-lejla' jew 'illejla', Aquilina jwieġeb li għandna nużaw l-ewwel waħda meta nfissru 'the evening' u t-tieni meta nfissru 'tonight'. Dan l-istess argument baqa' jinġieb fid-*Deċiżjonijiet 1* (*Linguistic Pot Pourri* 21 xii. 1986) .

## 4. Sistema fonemika jew fonetika

Wieħed mill-kriterji li jintuża mill-esperti biex jibbażaw l-ortografija tagħhom huwa dak li jagħti ħarsa lejn liema sistema titqies bħala l-aħjar waħda biex tiġi żviluppata din l-ortografija, għaliex, bħalma jgħid Sebba, mhux kull sistema ortografika hija tal-istess livell bħall-bqija (Sebba 15).

L-ewwel prinċipju li ser niddiskuti huwa l-prinċipju fonetiku li huwa bbażat fuq il-kunċett li kull ittra tal-alfabett tirrappreżenta ħoss wieħed. Skont Sebba, dan il-prinċipju għandu jiġi kkunsidrat meta jkun hemm pjan għal riforma ortografika u r-riformisti għandhom dejjem iżommu f'moħħhom li, bħalma naraw f'dan il-prinċipju, il-kitba għandha tiffaċilita t-tagħlim tal-qari u l-kitba,

u jekk mhux għalkollox, almenu għandha timminimalizza l-ostakli (Sjoberg 268). Fl-ipoteżi msemmija minn Katz u Frost dwar il-kuntrast bejn ortografiji baxxi (fis-sens ta' 'ilma baxx') u dawk fondi, l-ortografiji bbażati fuq dan il-prinċipju, jitqiesu iktar bħala tal-ewwel għax huma eħfef biex jinqraw minħabba li l-individwu li qed jitgħallem, jeħtieġ li ma jkollux għarfien kbir dwar ir-relazzjoni li hemm bejn ħoss u grafema.

Fil-każ tal-Malti, kemm fit-*Tagħrif* kif ukoll fiż-*Żieda,* insibu l-użu tal-prinċipju fonetiku. Minkejja li llum il-ġurnata nafu li l-Malti kif nafuh aħna jilħaq kompromess bejn kriterji differenti, kienu ħafna li ddeskrivew l-ortografija tal-Għaqda bħala waħda fonetika u l-kummissjoni stess l-alfabett sejħitlu fonetiku. L-istudjużi li għaqqdu t-*Tagħrif* jidher li kellhom l-għan li għal kull ħoss ikun hemm grafema waħda. Dan jidher mill-fatt li fil-bidu tat-*Tagħrif,* insibu nota li l-grafema 'għ' magħquda f'tipa ta' ittra waħda għadha ma tinstabx għand l-istampaturi u għalhekk kellhom jinqdew bl-istess grafema li kienet tintuża qabel (Aquilina 4).

Fil-każ taż-*Żieda,* li bħala dokument jittratta l-kitba ta' kliem ta' nisel barrani, m'hemmx bżonn li wieħed imur lura għall-oriġini tal-kelma u lanqas m'hemm bżonn li wieħed ikun jaf ilsna barranin għax hemm biss il-ħtieġa li wieħed ikun jaf il-kelma kif tingħad u tinħass fl-ortografija Maltija (Akkademja tal-Malti, 'Regoli Fundamentali', nru 2). Minkejja li l-kelliema kapaċi jħossu li dan jaf joħloq problemi diversi fil-kitba, għal Aquilina, il-problema tal-kitba ta' kliem Ingliż fil-Malti hija waħda artifiċjali għax sistema ortografika bħal din għandha tkun fonetika u mhux etimoloġika u għalhekk iktar tiffaċilita l-proċess tal-kitba (*Linguistic Pot Pourri,* 24 vi. 1984). Għalhekk neħtieġu dan il-prinċipju meta niġu biex niktbu kliem li daħal fil-Malti separatament minn kliem li jagħmel parti minn familja ta' għerq (*Linguistic Pot Pourri,* 15 iv. 1984).

Fil-każ taż-*Żieda* naraw li fost każijiet oħra, wieħed għandu jagħmel użu minn dan il-prinċipju meta jiġi biex jikteb kliem ta' nisel mhux Semitiku bil-Malti. Dan jinkludi kliem barrani li ma joffri ebda diffikultà biex jinkiteb bil-Malti skont ir-regoli tal-ortografija Maltija u għalhekk, dan il-kliem għandu jinkiteb kif jinħass, u ħafna drabi jkun bħall-kelma fil-lingwa oriġinali. Pereżempju regola 4 tittratta żewġ vokali ħdejn xulxin f'nofs ta' kelma u tgħid li kliem missellef li jkun fih il-ħoss ta' żewġ vokali ħdejn xulxin, u jiġu ppronunzjati mingħajr il-bżonn tas-semivokali, dawn għandhom jinkitbu mingħajrhom ukoll (eżempju 'ideali' u mhux 'idejali').
Il-prinċipju fonemiku mbagħad

jitqies minn Sebba bħala t-tweġiba xjentifika għall-problema li tinħoloq meta wieħed jirriduċi l-lingwa għall-kitba. Schiffman jelabora fuq dan il-prinċipju u jgħid li meta wieħed jikteb skont il-ħoss tal-kelma, dan iwassal għal diżordni u kjass sħiħ u bil-mod iwassal għat-tmermir tas-soċjetà. Sebba jkompli fuq dan il-punt meta jgħid li sistemi ta' kitba li jħaddnu dan il-prinċipju fonemiku għandhom vantaġġ kbir fuq oħrajn li jagħmlu użu mill-prinċipju fonetiku minħabba li din hija l-eħfef sistema biex wieħed jitgħallem u jaħkem il-lingwa (Sebba 18). Venezky ukoll jopponi l-użu tal-prinċipju fonetiku għax jgħid li għalkemm dan il-prinċipju jgħin biex wieħed jitgħallem jassoċja ittra partikolari ma' ħoss wieħed, dan ma jistax jitqies bħala qari u t-tfal jispiċċaw 'remedial readers' (Venezky 43).

Fil-fatt, l-ortografija tal-Malti ħafna drabi mhix fonetika minħabba li hemm differenza bejn il-ħoss ta' kelma u l-kitba tagħha. Fit-taħdita tiegħu, Aquilina jġib l-eżempju ta' kelma bl-aħħar ittra 'għ', bħal 'maqtugħ', li fit-taħdit tispiċċa bil-ħoss [ħ]. Din l-inkonsistenza bejn il-fonetika u l-ortografija tiġi diskussa wkoll fl-artiklu *Tikteb il-Malti kif jinħass* bl-idea li l-ortografija tal-Malti għandha timxi skont ir-regoli tal-morfoloġija u mhux skont il-fonetika. Din l-idea hi mnissla mill-fatt li l-Għaqda kellha tilħaq ċerti kompromessi bejn dawn iż-żewġ aspetti minħabba l-istruttura morfoloġika li minn dejjem ġiet irrispettata iktar mill-fonetika. Bħala eżempju nistgħu nieħdu l-konsonanti 'h' li fi kliem bħal 'jifhem' u 'jidher' ma tinħassx, iżda ma jfissirx li din il-konsonanti għandha titħalla barra fil-kitba għax inkunu qed innaqqsu konsonanti li ma tista' tonqos qatt (Għaqda tal-Malti 1).

Minn dawn iż-żewġ prinċipji ortografiċi naraw li għalkemm mhux dejjem ikun hemm qbil dwar liema sistema għandha tintuża, it-tnejn li huma, bil-modijiet differenti tagħhom, jimmiraw biex jiffaċilitaw il-kisba tal-għarfien tal-lingwa u b'hekk anke l-kitba tagħha, jiġifieri l-edukazzjoni b'mod ġenerali. Kull meta jkun hemm riforma, din tirsisti biex twassal għas-simplifikazzjoni tal-kitba waqt li tibqa' ta' ċertu livell, anke jekk dan ifisser li l-ortografija tħaddan iż-żewġ sistemi tagħha flimkien.

## 5. Ir-Reazzjoni għall-bidla

Skont Schieffelin u Doucet, l-argumenti rigward liema ortografija wieħed għandu juża meta jkun hemm l-għażla huwa relatat iktar ma' prinċipji u ideoloġiji, u r-reazzjoni kontra l-bidla ġeneralment isseħħ meta r-riformaturi ma jkunux iħaddnu l-istess twemmin soċjali, speċjalment dak politiku (Schieffelin

u Doucet 187). Fil-fatt, l-espressjoni "li tbiddel il-kitba ma jfissirx li qed tbiddel il-lingwa" hija waħda użata b'mod frekwenti biex tikkonvinċi lil dawk li jopponu r-riformi ortografiċi jaċċettaw il-bidla iktar malajr. Dan ikompli jsaħħaħ l-idea li kwalunkwe riforma ma tkunx ibbażata fuq l-effiċjenza tagħha iżda fuq fatturi soċjali 'l barra minnha.

Bħala eżempju ser nieħu r-riforma fil-Malti tal-2008, li wkoll kellha marbuta magħha diversi reazzjonijiet; ċerti aspetti u regoli ġodda donnhom qanqlu iktar reazzjoni minn oħrajn. Fil-każ tal-istudju ta' Sephora Borg, l-għan tagħha kien li turi x'kienu "l-attitudnijiet u l-opinjonijiet tal-għalliema dwar ir-regoli l-ġodda tal-ortografija fid-*Deċiżjonijiet 1*" minħabba li dawn il-bidliet laqtu l-iktar il-qasam tat-tagħlim tal-Malti anke minħabba li l-istudenti kellhom l-isfida li jaġġornaw ruħhom malajr biex iħaddmuhom fl-eżamijiet (Borg 20). Madankollu, kien hemm diversi nies oħra mill-pubbliku li wkoll esprimew ir-reazzjoni tagħhom, speċjalment fejn ħassew li l-għażla tal-Kunsill ma kinitx waħda ġusta.

Skont Borg, Degabriele, għalliem, jisħaq li minkejja li wieħed għandu japprezza l-isforzi li saru mill-Kunsill biex l-ilsien Malti jeħles mill-varjanti, din l-uniformità kienet qed twarrab xi prinċipji li l-Malti kellu minn dejjem u dan il-kumment jidher li kien appoġġjat mill-Għaqda Poeti Maltin li saħqu li l-Kunsill kien qiegħed iwarrab għalkollox il-patrimonju għani li ħallewlna missirijietna fir-regoli tat-*Tagħrif*. Dan l-argument rigward il-patrimonju kulturali jsemmih Sebba, li juri li meta wieħed iħoss li dan il-patrimonju jkun f'riskju, imur kontra l-entità li tkun qed twarrbu. Din l-għaqda, kif jidher minn Borg, ħasset li l-Kunsill kien qiegħed jagħżel l-eħfef triq u ma jħalli l-ebda għażla (GħPM 21).

F'din ir-riforma, il-varjanti 'skont/skond' jidhru li kienu fost l-iktar li ħolqu reazzjoni fost il-poplu (Borg 12). Il-Kunsill qabel li wieħed jibda jagħżel il-varjant 'skont' minflok il-varjant 'skond' minħabba l-prinċipju fonoloġiku, tant li jġib l-eżempju 'skontok'. Argument kontra din il-bidla nġieb minn Alfred Palma minħabba li skontu, il-Kunsill kien sempliċiment qed jibbaża r-regoli fuq "it-taħdit popolari u mhux fuq il-korrettezza grammatikali" (Palma, 2009, p.9). Jekk dawn il-varjanti ma kinux qed itellfu lill-poplu fil-kitba, għax kienu draw id-distinzjoni bejn iż-żewġ forom, mela allura setgħu jitħallew l-istess. Iżda Vella jagħmel il-kontroargument li wieħed xorta seta' jagħraf id-differenza bejniethom, anke jekk miktuba bl-istess mod, għax it-tifsira tittieħed mill-kuntest.
B'hekk naraw il-punt konsistenti li kull meta jkun hemm xi forma ta' bidla,

speċjalment f'xi ħaġa li tkun tolqot lill-maġġoranza tal-poplu, spiss tinħoloq xi għamla ta' reżistenza għal raġunijiet varji.

## 6. Konklużjoni

Minn dawn il-punti li ġew diskussi nistgħu naslu għall-konklużjoni li, waqt li xi wħud jemmnu li meta tiffaċilita l-kitba, tkun qed tgħin ukoll is-sistema edukattiva – għax jekk wieħed ma jkunx kapaċi jikteb b'ortografija tajba, jiġi deskritt bħala mhux intelliġenti u ta' bla skola – min-naħa l-oħra, oħrajn jemmnu li ortografija kemxejn diffiċli hija ta' benefiċċju akbar għax it-tagħlim, b'mod ġenerali, m'għandux ikun wisq faċli (Sebba 151). Naraw ukoll li għalkemm qatt ma ngħatat wisq importanza f'dan il-qasam, l-ortografija għandha tkun parti mill-istudju soċjolingwistiku għaliex għandu jikkunsidra wkoll l-aspetti soċjali kollha f'rabta mal-għażla ortografika u hekk dejjem jitwessa' u jissaħħaħ dan il-qasam ta' studju.

## Biblijografija


Akkademja tal-Malti. *Żieda mat-Tagħrif*, 1984.

Akkademja tal-Malti. *Aġġornament mat-Tagħrif,* 1992.

Aquilina, Ġużè. "Fehmiet dwar l-Ortografija." *Il-Malti,* 1977.

—. *Linguistic Pot Pourri,* 1984-1993.

Baker, Philip. "Vernaculars: Problems and Solutions in a Historical Perspective." Tabouret-Keller, Andrée. *Vernacular Literacy: A Re-Evaluation*. Oxford U.P., 1997.

Bezzina, Carmel. *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti*. Pubblikazzjoni Preca, 2006.

Borg, Sephora. *L-impatt tal-varjanti ortografiċi fuq l-għalliema u l-istudenti fit-tagħlim tal-Malti fil-livell sekondarju,*. 2011.

Cachia, Lawrenz; Mifsud, Manwel. "L-Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija." *Il-Ġens,* 1992.

Cremona, A. "Ultimae Nostrarum". *Weraq mar-Riħ : Għanjiet,* 1932.

Follick, Mont. *The Case for Spelling Reform*. Manchester: Manchester U.P., 1965.

Geerts, Guido, Jef Van den Broeck u Albert Verdoodt. "Successes and failures in Dutch spelling reform." *Advances in the creation and revision of writing systems 8,* 1977.

Għaqda Poeti Maltin. "Ħerba minn regoli xjentifikament stabbiliti." *Il-Ġens Illum,* 2008.

Għaqda tal-Malti. "Tikteb il-Malti kif Jinħass." *Leħen il-Malti,* 1932.

Il-Kunsill tal-Malti. *Deċiżjonijiet 1,* 2008.

Jaffe, Alexandra. “Introduction: Non-standard orthography and non-standard speech.” *Journal of Sociolinguistics* 4.4, 2000: pp. 497-513.
Jordan, Sarah-Claire. *Portuguese Spelling Reform still creating quite a stir*. Frar 2016. Aċċessata f’Diċembru 2017.
Katz, Leonard u Ram Frost. “The reading process is different for different orthographies: The orthographic depth hypothesis.” *Advances in Psychology* 94, 1992: pp. 67-84.
Mifsud, Manwel. “Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti.” *Regoli tal-Kitba Maltija,* 1999.
Milroy, James u Lesley Milroy. *Authority in language: Investigating standard English*. Routledge, 2012.
Powers, William K. *Sacred language: The nature of supernatural discourse in Lakota*. University of Oklahoma Press, 1986.
Priestly, Tom. “Problems in the creation of an orthography: functional load, interference, and political preferences.” *Slavic and East European Journal,* 1992: pp. 302-316.
Schieffelin, B.B. u R.C Doucet. “The ‘real’ Haitian creole: metalinguistics and orthographic choice.” *Pragmatics* vol. 2 nru. Iii, 1992.
Sebba, Mark. *Spelling in Society: The culture and politics of orthography around the world.* Cambridge U.P., 2007.
Serracino Inglott, Erin. “Fehmti dwar xi problemi fl-Ortografija tal-Malti.” *Il-Malti*, 1977.
Sjoberg, Andree Frances Connery. *Socio-cultural and linguistic factors in the development of writing systems for preliterate peoples*, 1964.
Venezky, Richard L. “Principles for the design of practical writing systems.” *Anthropological Linguistics*, 1977: pp. 37-54.

# Il-Varjanti Fonetiċi-Ortografiċi b'Influwenza mill-Ingliż

Studenta:
Alexia Saliba

Tutur:
Dr George Farrugia

## 1. Daħla

Fil-preżent, fil-Malti standard għandna mijiet ta' varjanti fonetiċi-ortografiċi jiġifieri kliem li jirreferi għall-istess oġġett jew kunċett iżda jkun ippronunzjat u miktub b'aktar minn mod wieħed. Grupp minn dawn il-varjanti jinkludi dawk il-pari ta' kliem li waħda minnhom, x'aktarx ta' nisel Taljan jew Sqalli, kienet diġà stabbilita sew fil-lingwa u li hija meqjusa bħala aktar 'korretta', filwaqt li l-kelma l-oħra daħlet pjuttost reċentement kawża tal-kuntatt qawwi mal-Ingliż u għal xi kelliema għadha meqjusa bħala kelma 'żejda', 'imqanżħa' u li m'għandhiex tkun aċċettata. Ngħidu aħna, il-par varjanti *mostru – monstru; psikologu – sikologu* huma xi eżempji ta' dawn il-varjanti fonetiċi-ortografiċi. Kien sewwasew dan il-fatt li ħajjarni nistudja fil-fond dan is-suġġett u ninkwadrah fi sfond soċjolingwistiku.

Dan is-suġġett jolqot żewġ livelli tal-lingwa – il-kitba u t-taħdit. F'dan il-każ, il-kelliem għandu għażla f'dak li jgħid u f'dak li jikteb, iżda kemm qed jintuża l-varjant il-ġdid b'influwenza mill-Ingliż? U dawn il-varjanti 'ġodda' min qed jużahom l-aktar, iż-żgħażagħ jew il-kelliema aktar avvanzati fl-età, in-nisa jew l-irġiel? Jew dawk li għandhom kuntatt qawwi mal-Ingliż? Dawn huma xi ftit mill-mistoqsijiet li r-riċerka tiegħi ppruvat twieġeb.

## 2. Il-Ġabra tal-varjanti fonetiċi-ortografiċi

Meta ġejt biex noħloq ġabra tal-varjanti fonetiċi-ortografiċi, il-varjanti b'influwenza mill-Ingliż ma ġewx ivvintati iżda għażilt kliem li l-Maltin qed jużaw fil-kitbiet u fit-taħdit tagħhom. Kemm-il darba ħadt nota dwar xi varjant li jingħad fit-taħdit ta' kuljum, waqt xi preżentazzjoni li kienet issir fl-Università minn xi lettur, waqt programm fuq it-televiżjoni, kif ukoll kliem li użaw l-istudenti fl-eżamijiet fil-livell Ordinarju, Intermedju u anke Avvanzat. Dawn tal-aħħar inġabru mir-rapporti tal-MATSEC.

Xi varjanti magħżula mhux biss qed jintużaw mill-Maltin iżda nsibuhom ukoll kemm fid-dizzjunarju ta' Aquilina kif ukoll fl-MLRS – Il-Korpus tal-Malti.

## 3. Il-Parteċipanti li ħadu sehem fl-istudju

Għall-bidu, l-istudju tiegħi kien se jikkonsisti minn 200 parteċipant imqassmin b'mod ugwali fi rġiel u nisa. Dawn iż-żewġ gruppi kienu se jerġgħu jinqasmu f'50 parteċipant, kull grupp skont l-età: grupp minnhom bejn it-18 u l-25 sena u l-grupp l-ieħor, parteċipanti ta' 'l fuq minn 45 sena. Diviżjoni oħra kellha tkun ibbażata fuq il-kuntatt mal-Ingliż – żewġ gruppi ta' 25 parteċipant li grupp minnhom kellu kuntatt qawwi mal-Ingliż filwaqt li l-parteċipanti tal-grupp l-ieħor kellhom kuntatt limitat mal-Ingliż.

Madanakollu, minħabba li kelli aktar rispons milli ħsibt, jiġifieri kelli aktar minn 200 parteċipant, fuq parir tal-Prof. Liberato Camilleri, ħsibt li nuża kemm jista' jkun l-informazzjoni kollha miksuba mill-kwestjonarju sabiex l-informazzjoni ma tintilifx. Ir-rispons tal-informanti nisa kien ferm aktar qawwi minn dak tal-irġiel. Madanakollu, dan bl-ebda mod ma affettwa r-riżultati tal-istudju tiegħi għaliex it-tweġibiet miġbura ġew ikkalkulati fuq persentaġġi bbażati fuq in-numru relevanti ta' parteċipanti ta' kull grupp.

## 4. L-Għażla tal-varjabbli soċjolingwistiċi

It-tliet varjabbli studjati fir-riċerka tiegħi kienu l-età, is-sess u l-kuntatt mal-Ingliż. Għall-bidu kelli l-ħsieb li ma' dawn it-tliet varjabbli nistudja wkoll il-ġeografija iżda wara ftit, intbaħt li kont se nikkumplika wisq l-istudju tiegħi u għalhekk iddeċidejt li nelimina dan il-varjabbli.

Kemm Cefai (2013) kif ukoll Mifsud (2016), fit-teżijiet tagħhom, studjaw il-varjabbli tal-ġeografija iżda ma studjawx il-varjabbli tas-sess għax

fil-fehma tagħhom illum il-ġurnata, in-nisa u l-irġiel qed jitħalltu aktar u qed ikunu fl-istess postijiet. Għalhekk, hemm iktar ċans li ma jkunx hemm differenzi fil-lingwa tagħhom fuq il-bażi tas-sess. Madanakollu, fl-istudju tiegħi xtaqt ninkludi dan il-varjabbli sabiex nara jekk huwiex tassew influwenti jew le. Wara kollox, Cefai (2013) stess sostniet, li għalkemm illum il-ġurnata n-nisa u l-irġiel qed ikunu fl-istess postijiet, mhux bħal dari, "bl-ebda mod ma jfisser li l-varjabbli tas-sess qatt ma jista' jaffettwa l-użu tal-lingwa f'ċirkustanzi u sitwazzjonijiet partikolari oħra" (Cefai 27).

Barra minn hekk, iddeċidejt li ndaħħal ukoll kemm il-varjabbli tal-età, bħalma għamlet Mifsud (2016) fl-istudju tagħha, kif ukoll il-varjabbli tal-kuntatt mal-Ingliż, sabiex b'hekk inkun nista' nanalizza jekk kelma tintużax iktar miż-żgħażagħ milli minn dawk li huma aktar avvanzati fl-età, jew inkella l-fatt li l-parteċipanti jkollhomx aktar jew inqas kuntatt mal-Ingliż jinfluwenzax fl-għażla tal-varjant.

Il-varjabbli tal-aħħar, jiġifieri jekk il-parteċipanti għandhomx kuntatt qawwi jew inqas qawwi mal-Ingliż, ġie analizzat permezz ta' numru ta' mistoqsijiet li għamilt lill-parteċipanti li t-tweġibiet tagħhom taw indikazzjoni tal-intensità tal-kuntatt li dawn il-parteċipanti għandhom mal-Ingliż.

## 5. It-Tfassil tal-kwestjonarju

Il-kwestjonarju huwa għodda importanti ħafna biex tinġabar l-informazzjoni għar-riċerka. Għal din ir-riċerka ta' natura soċjolingwistika, fuq parir tat-tutur tiegħi, iddeċidejt li nuża l-kwestjonarju bħala għajn ewlenija biex niġbor it-tagħrif li kelli bżonn mingħand il-parteċipanti u nibni l-istatistika dwar l-użu tal-varjanti magħżula f'relazzjoni mat-tliet varjabbli soċjolingwistiċi li ddeċidejt li niffoka fuqhom fl-istudju tiegħi, jiġifieri l-età, is-sess u l-kuntatt mal-Ingliż.

Kont konxja ħafna li ma ninfluwenzax lill-parteċipanti fl-għażla tagħhom tal-varjanti, għalhekk ridt noqgħod attenta ħafna fit-tfassil tal-kwestjonarju. Cefai (2013) kienet għażlet il-metodu tat-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti iżda dan ma kienx se jkun il-metodu ideali għall-esperiment tiegħi minħabba li l-istudju kien jinvolvi kemm parteċipanti li huma avvanzati fl-età, li jistgħu ma jkollhomx ħakma daqstant tajba fl-Ingliż, kif ukoll parteċipanti li m'għandhomx kuntatt mal-Ingliż. Għalhekk, dawn tal-aħħar setgħu jsibuha diffiċli biex jittraduċu s-sentenzi mill-Ingliż għall-Malti.

Barra minn hekk, kieku użajt il-metodu ta' Cefai, b'xi mod stajt ninfluwenza lill-informanti fl-għażla tal-varjanti minħabba li probabbilment kienu jagħżlu l-varjant li ġej mill-Ingliż.

Għalhekk, li kieku użajt l-istess metodu li użat Cefai, kien ikolli neskludi mill-istudju tiegħi persuni li m'għandhomx ċertu livell t'edukazzjoni jew inkella kelliema tal-Malti li mhumiex kompetenti biżżejjed fl-Ingliż. Iżda, li nelimina dawn il-persuni mill-istudju ma kinitx is-soluzzjoni li xtaqt u għalhekk ridt nagħżel triq oħra. Ħsibt li l-aħjar metodu kien li noħloq sentenzi b'dawn il-varjanti fonetiċi-ortografiċi sabiex l-informanti jkunu jistgħu jimmarkaw b'sing il-varjant li jippreferu.

Fit-tieni taqsima, il-parteċipanti kellhom jagħżlu l-varjant li jużaw fit-taħdit tagħhom. Dan il-kwestjonarju ngħata lil 40 parteċipanta wara erba' ġimgħat li ħadu sehem fl-ewwel parti tal-kwestjonarju. F'din il-parti, iddeċidejt li nuża l-istampi bit-tama li l-parteċipanti jlissnu l-kelma li xtaqt nisma' mingħandhom. Fejn bsart li l-istampa ma kinitx se tkun ta' għajnuna biżżejjed, iddeċidejt li noħloq sentenzi sabiex ngħin lill-parteċipanti jaslu għall-kelma mixtieqa.

Barra minn hekk, f'din il-parti, iffukajt l-aktar fuq il-varjabbli tal-età minħabba li l-ewwel parti wriet li dan kien l-aktar varjabbli li kien qed jinfluwenza lill-istudju. Irnexxieli nikkontrollah permezz taż-żewġ varjabbli l-oħra, jiġifieri l-varjabbli tas-sess u tal-kuntatt mal-Ingliż, għaliex fil-kwestjonarju tat-taħdit, ħadu sehem biss informanti nisa li għandhom kuntatt tajjeb mal-Ingliż. Dan sabiex ma jkunx hemm xi tip ta' interferenza mill-varjabbli stess.

## 6. L-Istudju pilota

Sabiex l-istudju proprju jkun aktar serju, huwa importanti li jsir studju pilota qabel l-istudju nnifsu. Permezz ta' dan l-istudju, wieħed ikun jista' janalizza jekk l-esperiment li se jsir lill-parteċipanti hux se jkun ta' ħtieġa jew le għall-istudju attwali. Fih jistgħu joħorġu xi problemi li jkunu jistgħu jiġu evitati waqt l-istudju proprju, kemm waqt li l-informanti jwieġbu l-kwestjonarju bil-miktub, kif ukoll fil-parti mitħaddta, kif ġara eżattament matul din ir-riċerka.

## 7. L-Istudju attwali tat-teżina

L-għan ewlieni tat-teżina tiegħi kien li nanalizza jekk l-istess parteċipant użax l-istess kelma kemm fl-ewwel parti tal-kwestjonarju bil-miktub, kif ukoll fit-tieni parti tal-kwestjonarju li tiffoka fuq il-kelma mitkellma. Għaldaqstant, mill-istudju pilota għaddejt għall-istudju attwali sabiex inkun nista' nagħmel dan l-istħarriġ u nara x'tendenzi setgħu joħorġu minnu billi nistaqsi numru ta' parteċipanti. Permezz tal-kwestjonarji normali

u l-kwestjonarji online kelli rispons tajjeb ħafna ta' aktar minn 650 parteċipant, iżda minħabba li xi parteċipanti kellhom bejn is-26 u l-44 sena, il-kwestjonarji tagħhom ma setgħux jiġu użati f'din ir-riċerka. Għalhekk, dan ir-rispons tnaqqas għal 444 parteċipant li juri l-etajiet ta' bejn it-18-25 sena u minn 45 sena 'l fuq.

## 8. L-Użu tal-MLRS u tal-SPSS fl-istudju

Għal dan l-istudju kelli bżonn nuża s-sistema tal-MLRS, jew aħjar il-Korpus tal-Malti. Il-Korpus huwa sistema online li tagħtina bħal ritratt ta' kif il-Maltin jużaw reġistri bil-miktub, minħabba li dan jikkonsisti f'ġabra ta' testi u dokumenti bil-Malti. Ir-riżultati tal-parteċipanti li ħadu sehem fl-ewwel taqsima tal-kwestjonarju, bil-miktub, ġew imqabbla ma' dan il-Korpus. Fejn kien possibbli, l-MLRS ġie mqabbel anke mat-tieni parti tat-taħdit.

Permezz ta' din is-sistema online, sibt il-frekwenza ta' kull varjant, bl-użu ta' standard query. Minkejja li xi varjanti studjati ma sibthomx f'din il-ġabra, ngħidu aħna bħal varjanti b'influwenza mill-Ingliż *diżvantaġġ* u *soċjabbli*, xorta waħda inkludejthom f'din ir-riċerka, minħabba li mhux l-ewwel darba li smajthom fit-taħdit jew fuq it-televiżjoni. L-eżaminaturi tal-Malti fil-livell Ordinarju, Intermedju u Avvanzat mhux l-ewwel darba wkoll li jirreferu għal dawn il-varjanti fir-rapporti tagħhom u jqisuhom bħala interferenzi.

Wara li ġiet miġbura l-informazzjoni kollha, kien imiss li din l-istess informazzjoni tidaħħal fis-sistema tal-SPSS. Dan il-programm hu ta' għajnuna għaliex jagħtik il-possibbiltà li b'mod faċli tiġi analizzata l-istatistika u jinħarġu r-riżultati. Il-metodu li ntuża f'din is-sistema kien il-chi square test bl-użu ta' crosstabs li jagħtuk stampa ċara tar-relazzjoni bejn varjant u ieħor, kif ukoll tar-relazzjoni bejn varjanti u varjabbli differenti.

Il-chi square test ġie użat sabiex janalizza r-relazzjoni bejn żewġ varjabbli kategoriċi. Wieħed minn dawn il-varjabbli jispeċifika l-kategorija tas-sess (nisa u rġiel), jew il-kategorija tal-età (bejn it-18-25 sena u minn 45 sena 'l fuq), jew jista' jispeċifika wkoll il-kategorija tal-kuntatt mal-Ingliż (il-parteċipanti li għandhom ħafna jew ftit kuntatt mal-Ingliż), filwaqt li l-varjabbli l-ieħor se jkun qed jirrappreżenta d-differenza tal-varjanti studjati, pereżempju, *numri – numbri*.

Fis-sistema tal-SPSS, l-ipoteżi nulla (null hypothesis) tispeċifika li m'hemmx relazzjoni bejn iż-żewġ varjabbli kategoriċi studjati u

għalhekk tkun aċċettata jekk il-valur tal-'p' jaqbeż il-livell ta' sinjifikanza (0.05). Mill-banda l-oħra, l-ipoteżi alternattiva turi li hemm relazzjoni bejn iż-żewġ varjabbli kategoriċi studjati, u għalhekk tkun aċċettata jekk il-valur tal-'p' ikun inqas minn 0.05.

## 9. L-Analiżi

### 9.1. Fl-ewwel parti tal-kwestjonarju – il-kitba

B'mod ġenerali, mill-analiżi tat-tliet varjabbli nstabu ftit differenzi fil-varjabbi tas-sess iżda nstabet tendenza li n-nisa jużaw aktar il-forma standard mill-irġiel, irrispettivament mill-karatteristiċi soċjali l-oħra. Dan jaqbel ma' dak li sabu Holmes u Meyerhoff (2005) li jikkonfermaw ukoll ix-xogħol ta' Coulmas (2005).

Mill-banda l-oħra, il-varjabbli tal-kuntatt mal-Ingliż juri illi mit-tagħrif miksub fir-riċerka, il-parteċipanti li għandhom kuntatt limitat mal-Ingliż, ippreferew iktar il-varjant li ġej mill-Ingliż milli l-varjant stabbilit. Dan kien bil-kuntrarju tal-ipoteżi li tlaqt biha u jista' jfisser li għalkemm dawn l-informanti x'aktarx għandhom livell inqas ta' edukazzjoni formali u anqas kuntatt mal-Ingliż, jista' jagħti l-każ li jużaw aktar il-varjant li ġej mill-Ingliż sabiex ma jħossuhomx inferjuri meta jkunu fil-kumpanija ta' ħaddieħor li għandu livell edukattiv ogħla minn tagħhom.

Il-varjabbli tal-età wera li mid-differenzi li ħarġu fil-kitba, il-parteċipanti li huma avvanzati fl-età jippreferu aktar il-forma stabbilita milli l-varjant li ġej mill-Ingliż. Dan tal-aħħar jintuża l-aktar mill-parteċipanti li huma żgħar fl-età. Barra minn hekk, ħareġ ċar li minn dawn it-tliet varjabbli studjati, il-fattur tal-età kien l-aktar wieħed li ħalla influwenza fl-għażla ta' varjant flok ieħor. Għaldaqstant, iddeċidejt li nkompli nistħarreġ dan il-fattur fit-tieni parti tal-kwestjonarju, dik li tistħarreġ il-komponent tat-taħdit.

### 9.2. Fit-tieni parti tal-kwestjonarju – it-taħdit

Fit-tieni parti tal-istudju, jiġifieri l-parti mitħaddta, 40 parteċipanta mill-444 informant li ħadu sehem fl-ewwel parti tal-istħarriġ, kellhom jagħtu deskrizzjoni tal-oġġett muri fl-istampi li jirrappreżentaw il-15-il par varjanti studjat. Coulmas (2005) jistqarr li t-taħdit jista' jkun ukoll karatteristika li tiddiskrimina bejn gruppi ta' etajiet differenti u barra minn hekk, xtaqt nanalizza jekk dawn il-parteċipanti jibqgħux konsistenti fl-għażla tal-varjanti mill-kitba għat-taħdit. (Dawn l-informanti li ħadu sehem f'din il-parti kienu kollha

parteċipanti nisa li għandhom kuntatt tajjeb mal-Ingliż. B'hekk il-varjabbli tas-sess u tal-kuntatt mal-Ingliż inżammu stabbli.)

B'mod ġenerali, kien hemm qbil fl-għażla tal-varjant ippreferut għaliex il-parteċipanti għażlu l-istess varjant kemm fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. Iżda minkejja dan, il-parteċipanti nisa kollha wrew xi tibdiliet fl-għażla tal-varjanti mill-kitba għat-taħdit. F'din il-parti nstab ukoll li għalkemm il-maġġoranza tal-informanti ta' età avvanzata jippreferu l-varjant stabbilit fil-kitba, fil-parti tat-taħdit, ippreferew aktar il-varjant li ġej mill-Ingliż. Mill-banda l-oħra, l-informanti żgħar jiktbu l-varjant Ingliż iżda jiffavorixxu l-varjant stabbilit fit-taħdit.

Barra minn hekk, ninnutaw ukoll li minkejja li kien hemm qbil fit-tendenza ġenerali favur l-għażla ta' varjant partikolari mill-par bejn il-kitba u t-taħdit (kif semmejt iktar 'il fuq), f'xi każi d-differenza bejn varjant u ieħor varjat b'mod sinjifikanti bejn iż-żewġ kuntesti differenti. Pereżempju, fil-każ ta' *televiżjoni – televixin*, minkejja li kemm fil-kitba u fit-taħdit kien ippreferut il-varjant li ġej mill-Ingliż *televixin*, fil-każ tal-kitba, id-differenza bejniethom kienet ferm anqas milli kienet fit-taħdit.

## 9.3. Il-Korpus tal-Malti – Is-Sistema tal-MLRS

Is-sistema tal-Korpus tal-Malti ġiet imqabbla mar-riżultati tal-parteċipanti li ħadu sehem fl-ewwel parti tal-kwestjonarju, u fejn kien possibbli, l-MLRS ġie mqabbel anke mat-tieni parti, dik tat-taħdit.

Għalkemm fil-maġġoranza tal-pari nsibu qbil fl-għażla tal-varjant mill-analiżi tal-Korpus imqabbla ma' dik tal-kitba u tat-taħdit, mill-banda l-oħra, l-għażla fil-par varjanti *telefon – telefown*, *televiżjoni – televixin* u *xjenzat – xjentist* mill-parteċipanti fl-ewwel u fit-tieni parti tal-kwestjonarju, ma qablux ma' dak tal-MLRS. Dan minħabba li kemm l-444 informant fil-parti tal-kitba kif ukoll l-40 informanta fil-parti tat-taħdit għażlu l-varjant li ġej mill-Ingliż *telefown*, *televixin* u *xjentist* filwaqt li l-Korpus tal-Malti ffavorixxa aktar il-varjanti stabbilti *telefon*, *televiżjoni* u *xjenzat*. B'żieda ma' dan, lanqas insibu qbil fl-għażla tal-par varjanti *anormali – abnormali* għaliex l-444 informant mill-fattur tal-età, ippreferew il-varjant b'influwenza mill-Ingliż filwaqt li l-MLRS wera l-okkorrenza favur il-varjant stabbilit.

Apparti minn hekk, fil-Korpus tal-Malti nstabet preferenza favur il-varjanti nattivi ħlief għall-varjant b'influwenza mill-Ingliż *persentaġġ*.

Dan il-varjant kien aktar ippreferut mill-varjant stabbilit *perċentwal*.

## 10. Konklużjoni

Il-varjanti fonetiċi-ortografiċi huma differenti mill-varjanti ortografiċi. F'dawn tal-aħħar, li l-parti l-kbira minnhom kienu trattati f'*Deċiżjonijiet 1*, nistgħu ngħidu li kienet relattivament eħfef biex il-Kunsill jiddeċiedi fuq varjant partikolari u jistandardizzah minħabba li d-differenza bejn varjant u ieħor kienet biss fil-kitba; il-pronunzja bejniethom kienet l-istess, pereżempju, **il-lejla – illejla; *il-lum – illum, *fil-għodu – filgħodu*.

Fil-każ tal-varjanti fonetiċi-ortografiċi, l-istorja hija kemxejn differenti. Kif jindika isimhom stess, id-differenza bejn dawn il-varjanti hija kemm ortografika kif ukoll fonetika u l-għażla bejn varjant u ieħor mhijiex dejjem faċli. It-teżina tiegħi turi li għalkemm fil-maġġoranza ntgħażel il-varjant (studjat) stabbilit mill-informanti, f'oħrajn spikkaw aktar il-varjanti li ġejjin mill-Ingliż.

Il-bar graph li ġejja turi l-frekwenza tal-varjanti b'influwenza mill-Ingliż f'ordni li tibda mill-aktar varjant li huwa ppreferut u tibqa' nieżla sal-anqas wieħed ippreferut.

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-aktar varjanti ppreferuti b'influwenza Ingliża mill-parteċipanti, fil-parti tal-kitba, huma l-varjanti *persentaġġ* (75.4%), *xjentist* (70.2%), *televixin* (67.5%), *abnormali* (59.9%) u anke *telefown* (58.8%). Din il-preferenza baqgħet tidher ukoll fil-parti tat-taħdit għall-varjanti *televixin, telefown* u *xjentist*. L-40 parteċipanta ppreferew dawn il-varjanti b'influwenza mill-Ingliż b'persentaġġi ta' 92.5%, 90.0% u 85.0%, rispettivament.

Minn dan ix-xogħol ħareġ ukoll li mhux dejjem kien hemm konsistenza bejn dak li għażlu l-informanti fil-kitba u fit-taħdit, u bejn ir-riżultati li ħarġu mill-ewwel parti tar-riċerka (il-kitba) meta mqabbla mal-MLRS.

Minħabba dan kollu, irridu nistaqsu kemm hu tassew għaqli li tittieħed xi deċiżjoni biex ikun standardizzat xi varjant jew ieħor. Afli jkun jagħmel aktar sens jekk il-varjanti kollha jibqgħu jitqiesu bħala aċċettati t-tnejn fil-kitba u fit-taħdit iżda fil-każ tal-kitba, tingħata biss preferenza favur xi wieħed mill-varjanti. Iżda, fuq liema kriterju se tingħata din il-preferenza? Il-frekwenza tal-varjanti, fil-kitba u/jew fit-taħdit, tista' sservi bħala wieħed mill-kriterji li jwassal għal din il-preferenza. U hawnhekk jidħol sewwasew l-iskop ta' dan l-istudju li l-għan tiegħu kien li jixħet dawl, fost oħrajn, fuq liema varjanti qed jintużaw

## Bar Graph 1: Il-Preferenza tal-Varjanti b'Influwenza mill-Ingliż fil-Kitba



l-aktar u minn min, fuq livell ta' kitba kif ukoll fuq livell ta' taħdit.

M'għandniex xi ngħidu, wieħed irid jikkunsidra l-limitazzjonijiet ta' dan ix-xogħol minħabba n-nuqqas ta' ħin biex titwettaq riċerka aktar profonda. Hekk, ngħidu aħna, ix-xogħol iffoka biss fuq numru relattivament żgħir ta' varjanti u fit-tieni parti tal-istudju ffoka biss fuq informanti nisa minħabba li ma nstabux biżżejjed informanti rġiel tal-età mixtieqa. Għalhekk, nistgħu ngħidu li din ir-riċerka serviet ukoll biex tqajjem kurżitajiet oħra dwar dan is-suġġett bit-tama li fil-futur isiru aktar studji f'dan il-qasam. Fil-fatt, wieħed jista' jkompli jistħarreġ l-istess varjanti f'relazzjoni ma' varjabbli oħra bħall-ġeografija jew inkella jista' anke jiffoka fuq varjanti oħra li ma ġewx studjati f'din ir-riċerka b'relazzjoni mal-varjabbli tal-kuntatt mal-Ingliż. Barra minn hekk, jista' jiġi analizzat aktar fil-fond il-qbil u d-differenzi bejn iż-żgħażagħ nisa u ż-żgħażagħ irġiel vis-à-vis in-nisa u l-irġiel li huma avvanzati fl-età. Dan kollu biex aħna l-istudenti tal-B.A. Malti (Unuri) inkunu nistgħu nagħtu kontribut serju li jixraq lil ilsienna.

# Biblijografija


Aquilina, Joseph. *Maltese – English Dictionary*. 1 vol. Midsea Books, 1987 – 1990.

---. *Maltese – English Dictionary*. 2 vol. Midsea Books, 1987 – 1990.

Cefai, Ancel. *Analiżi Lingwistika ta' Varjanti Fonetiċi-Ortografiċi magħżula fil-Malti*. Teżi, Università ta' Malta, 2013.

Coulmas, Florian. *Sociolinguistics: The Study of Speakers' Choices*. Cambridge U.P., 2005.

Holmes, Janet u Miriam Meyerhoff (Ed.). *The Handbook of Language and Gender*. Blackwell, 2005.

Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. *Deċiżjonijiet 1*. Malta, 2008.

Mifsud, Gabriella. *Il-Varjanti Fonetiċi-Ortografiċi – Il-Bidla fil-Vokali*. Teżi, Università ta' Malta, 2016.

MLRS Korpus tal-Malti. http://mlrs.research.um.edu.mt. 1 ta' Marzu 2017.

# Il-Ħaġa Moħġaġa

## Analiżi Lingwistika

Studenta:
Michela Saliba

Tutur:
Dr Michael Spagnol

## 1. Daħla

F'dan l-artiklu nistħarreġ il-ħaġa moħġaġa, logħba bil-kliem tradizzjonali li tikkonsisti fi stqarrija jew mistoqsija, aktarx f'għamla ta' ftit versi, li s-semmiegħa jridu jaqtgħu x'inhi. L-istudju tiegħi jkompli jibni fuq ix-xogħol ta' riċerkaturi oħrajn, b'mod partikolari Ġużè Cassar Pullicino li, barra li għamel ġabra ġmielha ta' ħwejjeġ moħġaġa minn ħafna bnadi tal-gżejjer Maltin, tana analiżi ta' kif taħdem il-ħaġa moħġaġa, tat-temi rikorrenti li tittratta, u tal-mod kif titħaddem fil-letteratura, l-aktar fil-ħrejjef. Fi kliem ieħor, l-għan tiegħi hu doppju. Qabelxejn, li niġbor aktar ħwejjeġ moħġaġa, bil-varjanti tagħhom, minn lokalitajiet differenti, ħalli nkompli nżid ma' dawk li għandna miġburin. Imbagħad li nistħarreġ fid-dettall il-mekkaniżmi lingwistiċi li ninqdew bihom f'din il-logħba bil-kliem tant popolari magħna l-Maltin.

## 2. X'inhi u xi nkiteb dwarha

Fi kliem Cassar Pullicino, "il-ħaġa moħġaġa tkun magħmula minn sensiela ta' kliem, imnebbaħ aktarx minn xi tixbih fil-ħolqien jew fil-ħajja ta' madwarna. Tasal għandna issa taħt għamla ta' taqbila ħafifa u issa ta' mistoqsija li ttik x'tifhem xi ħaġa li ma tingħadx". Skont Friggieri, hi "xhieda ta' wirt kulturali popolari tal-Mediterran u hi għamla ta' espressjoni letterarja qadima li ssieħeb flimkien il-gost tal-poplu li juri d-dehen tiegħu u li jistħarreġ l-intelliġenza" (Friggieri, 288). Waqt li fl-imgħoddi l-Maltin kienu jeħduha b'serjetà kbira, illum din il-logħba bil-kliem tintuża bħala mogħdija taż-żmien, biex inħaddmu l-menti u nuru l-ħila tagħna li nsolvuha. (Cassar Pullicino, 159).

Din il-logħba bil-kliem ġibdet l-attenzjoni ta' numru ta' studjużi, sew Maltin u sew barranin. L-ewwel tnejn li ġabru l-ħwejjeġ moħġaġa kienu Bonelli, li jagħti erbgħa bil-Malti u bit-Taljan, u Stumme li jagħti sbatax-il waħda maqluba għall-Ġermaniż. Il-ħaġa moħġaġa nsibuha wkoll fil-ħrejjef folkloristiċi ta' Magri. Ngħidu aħna, f'*Ix-Xiħ Midfun ġol-Għar*, xiħ ta' għerf kbir jaqta' kull ħaġa moħġaġa li s-sultan jistaqsi lil iben ix-xiħ f'forma ta' kmand, bħal: "Ejja quddiemi riekeb u miexi" (Magri, 245). Il-missier jgħid lil ibnu biex ifittex ħmar li meta jirkbu saqajh jaslu sewwasew mal-art.

L-akbar ġabra tibqa' ta' Cassar Pullicino li, f'*Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor*, ktieb imsejjes fuq l-artiklu "Towards An Analysis of Maltese Riddles", jagħti 187 waħda b'137 varjant. Dawn iż-żewġ xogħlijiet fihom ukoll studju dwar din il-logħba lingwistika. Analiżi differenti jagħtiha Mifsud Chircop li l-ħaġa moħġaġa jqisha magħmula mix-xbieha, mit-tweġiba, mill-premessa kostanti għax-xbieha u t-tweġiba, l-element tas-sorpiża aktarx mibni fuq il-paradoss jew il-paronomasja, u l-ħjiel li jingħata biex jgħin fis-soluzzjoni.

Minn fost l-54 ħaġa moħġaġa li Lanfranco jagħti f'*Logħob, Taqbil u Ġugarelli tat-Tfal Maltin (Sa Nofs is-Seklu XX)*, hemm xi wħud ma jinstabux fil-kitbiet ta' Cassar Pullicino. Dan l-aħħar, Spagnol ġabar xi ħwejjeġ moħġaġa mibnijin fuq l-element tad-doppju sens, li normalment jitħallew barra mill-ġabriet li semmejna. Din waħda minnhom:

(1) *Ta' Borg Olivier twil, ta' Gonzi qasir.*
*Ir-raġel itih lill-mara meta jiżżewġu.*
*Is-sorijiet m'għandhomx, il-patrijiet għandhom.*
*Il-Papa għandu wieħed u ma jużahx.*
(Kunjom)

## 3. Il-Ġabra tal-ħwejjeġ moħġaġa

Fit-teżina tiegħi nippreżenta ġabra ta' 154 ħaġa moħġaġa, uħud bil-varjanti tagħhom, ikklassifikati skont it-temi li jittrattaw. Il-ħwejjeġ moħġaġa ġbarthom minn madwar 100 ruħ minn 24 lokalità. Barra minn hekk, kelli l-opportunità mmur fil-programm *Seħer il-Malti* fuq Radju Malta, ippreżentat mill-Prof. Manwel Mifsud, u minn din l-intervista ksibt aktar materjal mis-semmiegħa.

L-indovinelli li ġbart qassamthom f'erba' gruppi. Fl-ewwel grupp qegħedt il-ħwejjeġ moħġaġa li qablu mal-ġabriet ta' Cassar Pullicino u ta' Lanfranco. Minn dawn kelli 27 waħda, bħal:

(2) *Tridu u ma tridux,*
*Tidħol fih u ma tħossux.*
(Tebut)

It-tieni grupp jinkludi ħwejjeġ moħġaġa li ma jinsabu fl-ebda ġabra oħra. B'kollox għaqqadt 90 waħda, u qassamthom f'erbatax-il taqsima, skont it-temi li jaqgħu taħthom it-tweġibiet. Fit-tabella ta' hawn taħt nagħti eżempju ta' ħaġa moħġaġa minn kull tema.

**Tabella 1: Il-ħwejjeġ moħġaġa kklassifikati skont it-temi tat-tweġibiet tagħhom**

| Tema | Ħaġa Moħġaġa |
|---|---|
| It-trobbija u x-xjuħija | Tidħol bi tnejn<br>U jdaħħluk bi tmienja.<br>(Il-ħaj u l-mejjet) |
| Kwalitajiet fiżiċi u morali | Daqqa tidher u daqqa le,<br>Kulħadd għandu minnha,<br>Imma mhux kulħadd japprezzaha.<br>(It-tbissima) |
| Il-ġisem | Ma jmissx mal-ilma,<br>Iżda dejjem imxarrab.<br>(L-ilsien) |
| Ix-xogħol, l-għodda u s-snajja' | Mimdud jaħdem,<br>Bilwieqfa jorqod.<br>(L-imqass) |
| L-ikel u x-xorb | Iktar ma tkun sħuna,<br>Iktar tkun friska.<br>(Il-ħobża) |

| | |
|---|---|
| L-ilbies u x-xedd | Fejn imur dejjem itakkan,<br>Jew magħluq ġo xi kaxxa.<br>(Iż-żarbun) |
| Għamara u bżonnijiet oħra tad-dar | Saqajk bejn saqajha,<br>Idejk fuq wiċċha.<br>(Il-mejda) |
| Il-ħolqien | Isawtek u ma tagħmillu xejn.<br>(Ir-riħ) |
| Il-ħxejjex, is-siġar u l-frott | Kapaċi tgħix f'post fejn m'hemmx ħajja,<br>Tniggeż imma mhix naħla.<br>(Il-kaktus) |
| Il-bhejjem, it-tjur, l-insetti u l-ħut | Fix-xitwa jistaħba,<br>Fis-sajf joħroġ jaħżen<br>U fix-xitwa jieklu.<br>(In-nemel) |
| Il-flus | Twila sitt pulzieri,<br>Għandha ras imperjali<br>U kulħadd jieħu pjaċir biha.<br>(Il-lira sterlina) |
| Il-karozza | Tiġbidha bejn sidrek,<br>U tfaqqagħha.<br>(Seatbelt) |
| Lokalitajiet | Imkien,<br>Iben<br>U omm.<br>(Binġemma) |
| Suġġetti oħra | Min jagħmlu ma jitkellimx<br>U min jitkellem ma jagħmlux.<br>(Is-silenzju) |

Fit-tielet grupp ġbart il-varjanti li sibt minn irħula differenti. F'dan il-kuntest, varjanti jfissru kemm indovinelli li jvarjaw f'xi kliem jew versi, kif ukoll ħwejjeġ moħġaġa differenti għalkollox li jkollhom l-istess tweġiba. Hawn taħt nagħti eżempji ta' dawn iż-żewġ tipi ta' varjazzjoni.

**Tabella 2: Ħwejjeġ moħġaġa li jvarjaw f'xi kliem jew versi**

| Ħaġa Moħġaġa: | Varjant: |
|---|---|
| **Erbgħa tluppi tluppi,**<br>Tnejn kristallini,<br>**Imrewħa trewwaħ**<br>U tmexxini.<br><br>(Baqra) | **Erbgħa tluppi tluppi,**<br>Żewġ ċinkwini,<br>Tnejn ġentili,<br>**Imrewħa trewwaħ**<br>Fuq il-bieb taċ-ċini. |

**Tabella 3: Ħwejjeġ moħġaġa għalkollox differenti imma bl-istess tweġiba**

| Ħaġa Moħġaġa: | Varjant: |
|---|---|
| Iddur, iddur, iddur<br>Fuq il-bejt tal-piżatur.<br><br>(Dubbiena) | Kulħadd lili jara żejda,<br>Iwarrabni minn fuq il-mejda. |

Fl-aħħar grupp ikklassifikajt ħwejjeġ moħġaġa li għandhom iktar minn tweġiba waħda possibbli. Hawn nagħti tnejn mis-seba' eżempji li sibt:

(3) *Jitwieled twil,*
*Imut qasir.*
(Lapes jew sigarett)

(4) *Ma titkellimx u tinftiehem,*
*Ma timxix u tasal.*
(Kelma jew ittra)

## 4. L-Analiżi

Permezz tal-ġabra li għamilt jien u li għamlu riċerkaturi oħrajn qabli (b'kollox madwar 500 waħda), analizzajt l-istruttura tal-ħaġa moħġaġa Maltija, billi ffukajt fuq in-numru ta' versi, ir-rima, il-ftuħ u l-għeluq, u elementi oħrajn. Barra minn hekk, ħarist fid-dettall lejn it-temi rikorrenti li jissemmew fiha, u lejn l-użu tal-metafora, is-sineddoke, l-antiteżi u mekkaniżmi lingwistiċi oħrajn. Fit-taqsimiet li ġejjin nitkellem fuq dawn il-karatteristiċi ewlenin tal-indovinelli.

### 4.1. L-Istruttura tal-ħaġa moħġaġa

Mhux l-indovinelli kollha jkollhom l-istess numru ta' versi. Xi wħud ikunu magħmulin minn sentenza waħda, bħall-(5), mentri oħrajn ikollhom żewġ versi jew aktar, bħas-(6) u s-(7).

Mill-istudju tiegħi joħroġ ċar li l-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ moħġaġa Maltin huma magħmulin minn żewġ versi. Mix-xogħol ta' Cassar Pullicino, ta' Lanfranco u mill-ġabra tiegħi, b'kollox sibt 151 waħda.

(5) *Kulħadd għandu wieħed.*
(L-isem)

(6) *Filgħodu nużawhom,*
*Filgħaxija nneħħuhom.*
(Snien foloz)

(7) *Ħamra u bajda,*
*Jaqbduha ħamsa,*
*Jarawha tnejn,*
*Jeħodha wieħed.*
(Tazza nbid)

Il-versi ta' wħud minnhom ikunu bir-rima, bħat-(8), iżda l-biċċa l-kbira m'għandhomx rima, bħad-(9). B'kollox sibt madwar 240 waħda bla rima. Fost dawk li l-versi tagħhom jirrimaw, l-aktar waħda komuni hi r-rima mbewsa.

(8) *Ommi kellha tarbija,*
*La kienet oħti*
*U lanqas ħija.*
(Jien)

(9) Żaqqha iebsa,
Saqajha tal-injam
U timxi fuq l-artab.
(Dgħajsa)

Xi minn daqqiet, din il-logħba bil-kliem tibda bil-frażi 'Hawn ħaġa' jew 'Ħaġa ħaġa' u tispiċċa bil-mistoqsija 'X'inhija?' jew 'Għidli int issa x'inhija', bħall-(10). Biss, il-ħwejjeġ moħġaġa li għandhom għeluq bħal dan tgħoddhom fuq is-swaba' t'id waħda.

(10) *Hawn ħaġa:*
*Tħares lejha,*
*Tarak*
*U ma tkellmekx.*
*X'inhija?*
(Mera)

Il-ħwejjeġ moħġaġa ġeneralment ikunu fit-tielet persuna, iżda xi ftit ikunu fl-ewwel jew fit-tieni persuna, bħal dawn it-tnejn:

(11) *Intir u m'għandix ġwienaħ,*
*Nibki imma m'għandix għajnejn*
*U d-dlam jiġri warajja.*
(Sħaba)

(12) *Tagħlaq minn fejn tagħlaq*
*Dejjem tilħqek u ssibek.*
(Il-mewt)

Karatteristika oħra tal-ħaġa moħġaġa hi r-ripetizzjoni, li nistgħu naqsmuha f'żewġ tipi. Hemm ir-ripetizzjoni tal-istruttura nnifisha, bħal fit-(13), u r-ripetizzjoni ta' xi kelma, bħalma nsibu fl-(14). F'din tal-aħħar insibu wkoll ripetizzjoni tal-istruttura.

(13) *Aktar ma jimxi lura,*
*Aktar jasal kmieni.*
(Kurdar)

(14) *Tonda bħad-dinja, dinja mhijiex,*
*Ħamra nar, nar mhijiex,*
*Ħadra ħaxix, ħaxix mhjiex,*
*Tarmi l-ilma, għajn mhijiex.*
(Dulliegħa)

## 4.2. Temi ewlenin

Cassar Pullicino jgħid li l-ebda ħaġa moħġaġa Maltija ma titkellem fuq suġġett li ma jinstabx fil-gżejjer tagħna. Fl-artiklu "Towards an Analysis of Maltese riddle", jikklassifika l-ħwejjeġ moħġaġa skont it-temi li jissemmew fil-versi. Ngħidu aħna, f'bosta indovinelli jissemmew il-partijiet tal-ġisem għad-deskrizzjoni ta' oġġetti inanimati. L-iktar partijiet li jissemmew huma r-ras, l-għajnejn, il-ħalq, is-snien, il-widnejn u s-saqajn, bħalma jidher fil-ħaġa moħġaġa tal-passatur tal-għaġin:

*Bil-**għajnejn** u ma tarax,*
*Bil-**widnejn** u ma tismax,*
*Bis-**saqajn** u ma timxix.*

Spiss fil-versi tal-ħaġa moħġaġa nsibu xebh mal-bnedmin u l-avvenimenti f'ħajtu, mar-relazzjonijiet fil-familja, ma' elementi tan-natura, u oġġetti li nsibu fid-dar. F'din it-tabella nelenka dawn it-temi rikorrenti u nagħti eżempju għal kull waħda.

**Tabella 4: Klassifika tal-ħwejjeġ moħġaġa skont it-temi li jissemmew fil-versi**

| Tema | Ħaġa Moħġaġa |
|---|---|
| It-twelid u l-mewt | Il-ħaj jerfa' l-mejjet,<br>U l-mejjet jgħidlu ħaj.<br>(Bejjiegħ tal-ħut) |
| Iċ-ċaqliq | Jiġru kemm jiġru,<br>Fejn ikunu jibqgħu.<br>(Għajnejn) |
| Il-paroli | Ma titkellimx u tinftiehem,<br>Ma timxix u tasal.<br>(Ittra) |
| Il-biki u d-daħk | Tinżel tidħak,<br>Titla' tibki.<br>(Barmil tal-bir) |

| | |
|---|---|
| Il-ħidma u l-professjoni | Meta naħdem<br>Jew inżaqżaq jew intaptap;<br>Meta ma naħdimx<br>Inwarrab fejn in-nies ma jarawnix.<br>(Iż-żarbun) |
| Il-mistrieħ u l-ħidma | Binhar tistrieħ,<br>U billejl taħdem.<br>(Sodda) |
| L-imħabba u l-ġlied | Billejl ibusu 'l xulxin,<br>Binhar miġġeldin.<br>(Bibien) |
| L-ilbies | Liebsa vjola,<br>U kappell aħdar.<br>(Brunġiela) |
| Relazzjoni ma' tal-familja | Imwieled minn ommu,<br>Jitrabba fix-xemx,<br>Jekk imiss m'ommu jerġa' jmut.<br>(Melħ) |
| Il-pjanti u l-frott | Platt bil-frawli,<br>Felli larinġa,<br>Tqiegħdu wiċċu 'l isfel,<br>U ma jaqax.<br>(Sema bnazzi billejl) |
| L-element tal-ilma | Bajda karti, karti mhix,<br>Tnixxi l-ilma, għajn mhijiex.<br>(Blokka silġ) |
| Il-bini | Dar,<br>Bla twieqi u bla bibien.<br>(Bajda) |
| L-oġġetti tad-dar | Platt fuq platt<br>U biċċa laħam fin-nofs.<br>(Gandoffla / Arzella) |
| L-ikel | Biċċa laħam ġo armarju.<br>(Qassis iqarar) |
| Xebh mal-kuluri | Minn barra bajda,<br>Minn ġewwa kannella,<br>U meta ttiha n-nar issir ħamra.<br>(Sigarett) |

## 4.3. L-element komparattiv

F'din it-taqsima niddiskuti żewġ tipi ta' paragun, wieħed tematiku u l-ieħor interlingwistiku. Nibda billi nqabbel it-temi tal-ħwejjeġ moħġaġa tradizzjonali ma' tal-moderni. Għalkemm mill-intervisti li għamilt jidher li bosta ħwejjeġ moħġaġa tradizzjonali, bħal tal-bajtar tax-xewk (ara l-15), għadhom jingħadu, sibt oħrajn li bilfors li ssawru dan l-aħħar, għax it-tweġiba tagħhom tirreferi għal xi teknoloġija relattivament moderna, bħall-friġġ (ara s-16), il-fann u s-seatbelt.

(15) *Bil-pala u mhix furnara,*
*Bil-kuruna u mhix sultana,*
*Tgħix fir-raba' u mhix bidwija*
*Imwielda Malta u mhix Maltija,*
*Għidli int issa x'inhija.*
(Il-bajtar tax-xewk)

(16) *Dejjem mimlija bl-ikel*
*Imma qatt ma tiekol,*
*Dejjem kiesħa*
*Imma qatt ma tħoss bard.*
(Il-friġġ)

Qabbilt ukoll numru ta' ħwejjeġ moħġaġa Maltin ma' indovinelli b'ilsna oħra li l-Malti kellu jew għad għandu kuntatt magħhom mill-qrib. Ngħidu aħna, fis-(17-19) naraw kif xi forom lokali huma, tista' tgħid, kelma b'kelma tal-verżjonijiet li nsibu fl-Isqalli.

(17) Sqalli:
*Un havi vucca e parra,*
*Un havi pieri e camina.*

Taljan:
*Non a bocca e parla,*
*Non a piedi e cammina.*

Malti:
*M'għandhiex ilsien u titkellem,*
*M'għandiex riġlejn u timxi.*
(Ittra)

(18) Sqalli:
*Haiu un buttigghiuni*
*cu dui qualità di vinu.*

Taljan:
*Ho un bottiglione con*
*due qualità di vino.*

Malti:
*Flixkun,*
*Żewġ kwalità ta' xorb,*
*U wieħed ma jitħallatx mal-ieħor.*
(Bajda)

(19) Sqalli:
*Trasi dura e nesci muoddha.*

Taljan:
*Entra dura ed esce molla.*

Malti:
*Jidħol iebes u joħroġ artab.*
(Għaġin)

Hekk ukoll, xi ħwejjeġ moħġaġa lokali jixbhu verżjonijiet li nsibu fl-Ingliż, kemm fl-għamla kif ukoll fil-ħsieb, kif jixhdu dawn iż-żewġ indovinelli:

(20) Ingliż:
*What is that you cannot*
*hold ten minutes,*
*Although it is as light as a*
*feather?*

Malti:
*Ma tistax iżżommha*
*iktar minn minuta*
*Għalkemm ħafifa daqs rixa.*
(In-nifs)

(21) Ingliż:
*What is that which*
*belongs to you*
*But others use it more*
*than you do?*

Malti:
*Ħaġa tiegħek*
*U ħaddieħor*
*Jużaha aktar minnek.*
(Isem)

## 4.4. Mekkaniżmi lingwistiċi

F'din it-taqsima niffoka fuq il-mekkaniżmi lingwistiċi ewlenin li nsibuhom minsuġin fil-ħaġa moħġaġa bil-għan li jaħbu t-tweġiba tagħha u jiżvijaw lil min jipprova jaqtagħha. L-indovinelli Maltin jinqdew l-aktar bil-kuntrast (l-antiteżi, il-kontradizzjoni u n-negattiv), bit-tixbih (il-metafora u s-sineddoke) u bl-ambigwità (il-polisemija, l-omonimija u d-doppju sens). Hawn taħt niddeskrivi dawn il-mekkaniżmi fil-qosor u nagħti xi eżempji għal kull wieħed.

### 4.4.1. Il-Kuntrast

L-antiteżi, jiġifieri "it-tqegħid flimkien ta' żewġ kelmiet, ideat, frażijiet li għandhom tisfira kuntrarja bejniethom" (Friggieri, 68), hija karatteristika ċentrali tal-ħaġa moħġaġa. Fit-(22), pereżempju, insibu kuntrast bejn żewġ pari ta' verbi: *tefa* u *xegħel* minn banda, u *saħan* u *kesaħ* mill-banda l-oħra.

(22) *Jekk titfiha tisħon,*
*Jekk tixgħelha tiksaħ.*
(Kaxxa tas-silġ)

Mekkaniżmu simili hu l-kontradizzjoni. Spiss il-ħaġa moħġaġa ma tagħmilx sens, għax parti tidher il-maqlub ta' parti oħra. Mad-daqqa t'għajn, l-istqarrija li nsibu f'vers jiċħadha fil-pront il-vers ta' wara, bħal f'din:

(23) *Aktar ma tixxotta*
*Aktar tixxarrab.*
(Xugaman)

Il-kuntrast jinħoloq ukoll bl-użu tan-negattiv, b'mod partikolari tal-pronom *mhi(jie)x*, bħal fl-(24), u xi kultant

ta' verbi, bħal fil-(25). Forom bħal dawn idaħħlu d-dubju f'min jipprova jsolvihom. L-ewwel idea li tiġi f'moħħu jkollu jiskartaha minħabba l-kuntrarju li jsib f'tarf il-vers, u b'hekk jitfixkel aktar.

(24) *Tista' tkun bajda u bajda mhix,*
*Tista' tkun sewda u faħma mhix,*
*Tista' tkun fil-għoli u arblu mhix,*
*Tista' tkun ħelwa u ħelwa mhix.*
(Għenba)

(25) *Bi tliet saqajn u ma timxix,*
*Bil-wiċċ u ma tidħakx,*
*Bin-nies madwarha u ma tarax.*
(Tavolina)

### 4.4.2. It-Tixbih

Fil-qalba tal-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ moħġaġa li analizzajt hemm il-metafora, ix-xebh ta' ħaġa ma' ħaġa oħra li loġikament m'hemmx relazzjoni magħha. Din hi l-essenza tat-*true riddle* li Archer Taylor jiddefiniha bħalha "a description of an object in terms intended to suggest something entirely different" (Preca, 304). Ngħidu aħna, fis-(26) insibu metafora estiża: il-kaxxa tal-luminata hi mxebbha ma' kunvent, il-każelli tal-fliexken maċ-ċelel, il-fliexken mal-patrijiet u t-tapp tal-flixkun mal-kappell.

(26) *Kunvent biċ-ċelel,*
*F'kull ċella hemm patri*
*bil-kappell.*
(Kaxxa tal-luminata)

Is-sineddoke, "għamla ta'metafora li ssemmi parti biex tinftiehem il-ħaġa sħiħa, jew li ssemmi l-ħaġa biex tinftiehem il-parti" (Friggieri, 723), ukoll tintuża fil-ħaġa moħġaġa. Pereżempju s-(27) issemmi l-parti, il-laħam, biex tirreferi għall-entità kollha kemm hi, il-qassis.

(27) *Biċċa laħam ġo armarju.*
(Qassis iqarar)

### 4.4.3. L-Ambigwità

Mod kif din il-logħba tfixkel lis-semmiegħa hu billi tinqeda bi kliem li jista' jfisser ħwejjeġ differenti. Spiss ikun fiha kliem b'aktar minn tifsira waħda, bħat-(28), jew kliem li, minkejja li jinkiteb u jinstema' l-istess, ikollu sensi mhux relatati, bħad-(29). Fl-ewwel waħda l-logħba qiegħda fuq il-verb polisemiku *għadda* li, barra li jirreferi għall-mogħdija tal-ħwejjeġ, ifisser ukoll ħaġa essenzjali, li mingħajrha ma tkampax. It-tieni waħda tistrieħ fuq l-omonimija bejn *bajda*, il-femminil tal-lewn abjad, u dik li jbidu t-tjur u xi annimali oħra.

(28) *Mingħajrha ma tgħaddix.*
(Ħadida tal-mogħdija)

(29) *Tiżbogħha kif tiżbogħha,*
*Bajda tibqa'.*
(Bajda)

Għadd ta' indovinelli huma ambigwi għax ikunu mibnijin b'mod li l-iktar ħwejjeġ sempliċi jidhru maħmuġin għall-aħħar. Iżda dak li jidher bħala erotiku jew vulgari, ikun kollu xieraq. F'ħafna ġabriet dawn jinqabżu, però jien iddeċidejt li ninkludihom fl-istudju tiegħi. Dawn huma żewġ eżempji magħrufin.

(30) *Xofftok ma' xoffitha,*
*U sebgħek ġo toqbitha.*
(Kikkra)

(31) *Żaqqek ma' daharha,*
*U b'subgħajk tagħraxha.*
(Kitarra)

## 5. Għeluq

L-istudju tiegħi, li hu tkomplija max-xogħol li għamlu riċerkaturi bħal Stumme, Lanfranco, u fuq kollox Cassar Pullicino, żviluppa f'żewġ fergħat. Fl-ewwel fergħa għamilt bosta intervisti ma' nies minn bnadi differenti tal-gżejjer Maltin biex inżid mal-indovinelli miġbura f'kitbiet oħrajn. Ġbart mhux biss il-varjanti ta' ħwejjeġ moħġaġa, imma ġbart ukoll mad-90 waħda li ma jissemmew fl-ebda ġabra.

Fit-tieni fergħa għamilt analiżi strutturali u tematika ta' din il-logħba bil-kliem. Sibt li l-maġġoranza jkunu b'żewġ versi, li ħafna minnhom ma jirrimawx, u li l-aktar figura tat-taħdit li titħaddem fihom hija l-metafora. It-temi jvarjaw ġmielhom. Bosta huma dwar ħwejjeġ li nsibu fil-gżejjer tagħna, bħall-ħxejjex, il-bhejjem, l-ikel u s-snajja'. Iżda oħrajn aktar riċenti, li huma assoċjati mat-teknoloġija moderna, jixhdu li l-ħaġa moħġaġa hija ċentrali fil-kultura Maltija għax il-poplu, imsaħħar kif inhu warajha, mhux biss għadu jilgħabha, imma jibqa' jsawwar akar minnha.

## Biblijografija


Bonelli, Luigi, " Il dialetto maltese". *Ascoli, Supplementi periodici all' Archivio Glottologico Italiano*, 1897-1907.
Cassar Pullicino, Ġużè. *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor*. Ed. Manwel Mifsud u Olvin Vella, BDL Ltd., 2003.
---. "Towards an Analysis of Maltese riddle" *Scentia*, vol. 35, 1972.
Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji: Teorija, Metrika, Stilistika b'eżempji mil-Letteratura Maltija*. Ir-raba' ed. mkabbra, Klabb Kotba Maltin, 2010.
Lanfranco, Guido. *Logħob, Taqbil u Ġugarelli tat-Tfal Maltin (Sa Nofs is-Seklu XX)*. Wise Owl, 2006.
Magri, Emmanuel, u Ġorġ Mifsud Chircop. *Ħrejjef Missirijietna*. P.E.G., 1994.
Spagnol, Michael. "20 ħaġa moħġaġa doppju sens", http://kelmakelma.com/?s=ħaġa+moħġaġa. 16 ta' Lulju 2018.
Stumme, Hans. *Maltesische Märchen, Gedichte und Rätsel in deutscher Übersetzung*, 1904.

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI ·